
L-GHID TA' L-ASSUNTA

IT-TLIETA U TLETIN SENA

33(1998)



www.gozocathedral.org.mt


All this and MORE
at Marks & Simons
Off Marsalforn Road Victoria Gozo
Tel: 556431
THE FLINTSTONES
THE FLINTSTONES
FLINTSTONES
YABBA-DABBA-DOO!
The Wet Set
TOYS ARE US

L-GHID TA' L-ASSUNTA

33(1998)
Stampat
għall-ewwel darba
Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral,
Ċittadella, Għawdex.
VCT 103
Tel • 554101
Fax • 564572

Editur
Joseph Bezzina

Meġħjun minn
James E. Borg
Frank Grech

Reklami
Uffiċċju Parrokjali

Ittajpjar
Fabienne Grech
Frank Grech

Setting
Eric de Bono
Frank Grech

Ritratt tal-qoxra
Alvin Scicluna

Stampata
J. De Bono
Printing Press Ltd.

TIFKIRA GLORJUŻA

Erba' mit sena ilu, nhar il-15 ta' Awwissu, 1598, il-festa ta' Santa Marija kienet iċċelebrata bil-kbir bħas-soltu. Iżda waqt li l-poplu kien qiegħed igawdi l-festa ta' Santa Marija, ġriet ix-xiegħa li t-Torok kienu qrib Għawdex. Bħal mill-ibgħad żminijiet, kien qasmu l-flieġu għall-festa ħafna Maltin; dawn kienu minnufih imbarkati lejn Malta. Dlonk ġew xi kavallieri u ħafna suldati biex jiddefendu l-gżira. Madwar erbgħin ġifen Tork daħlu fil-fliegu ta' Għawdex u uħud niżżlu n-nies l-art u bdew jimmarċjaw lejn iċ-ċittadella. Fis beda l-isparar tal-kanuni. Tradizzjoni qadima tgħid li f'ħin minnhom dehret il-figura ta' Santa Marija tittajjar fl-inħawi u, mad-dehra, it-Torok infixlu u reġgħu lura fuq ix-xwieni. Ma nqabadx għajr raġel wieħed. Il-Għawdxin għallenija attribew il-ħelsien tagħhom lil Santa Marija.

Mitejn sena ilu, nhar il-15 ta' Awwissu, 1798, il-festa ta' Santa Marija kienet ukoll iċċelebrata bil-kbir bħas-soltu. Fil-Knisja Matriċi saret il-kwindiċina, tridu bil-mużika, purċissjoni fil-għodu, u quddiesa solenni bil-mużika; fil-festi ta' barra saret Wirja żgħira, tlielaq tal-bħejjem tul triq it-Tiġrija, u anki daqq minn banda żgħira. Iżda ma kinitx festa tas-soltu. Ftit ġimgħat qabel, nhar l-10 ta' ġunju, 1798, it-tmexxija tal-Kavallieri ta' San ġwann kienet ġiet fi tmiemha wara 267 sena. Malta u Għawdex għaddew taħt il-ħakma tal-Franċiżi meta Napuljun Bonaparte, fi triqtu lejn l-Eġittu, ħakem lil dawn il-gżejjer taħt idejh. Minkejja li l-Għawdxin bħal Maltin kien mxebbgħin sal-ponta ta' mnehhirhom bit-tmexxija Franċiża, xorta waħda għamlu festa kif imiss lil Santa Marija, patruna speċjali ta' Malta u Għawdex.

Il-festi tmexxew minn Dun Saver Cassar, Arċipriet tal-Matriċi u Pro-Vigarju ta' l-Isqof ta' Malta f'Għawdex. Fi żmien ġimgħatejn kellu jassumi responsabilita' ikbar. Nhar it-2 ta' Settembru, il-Maltin u l-Għawdxin qamu kontra l-Franċiżi, u fl-4 ta' Settembru, l-Arċipriet Cassar ħa fuq spallejh it-tmexxija tal-gżira Għawdxija. Fit-18 ta' Settembru, il-Kungress ta' Għawdex għażlu b'elezzjoni bħala l-Kap tal-Gvern u s-Supratendent tal-gżira kollha ta' Għawdex. Il-fiduċja kbira li kellu fl-għajnuna ta' Santa Marija, it-tmexxija għaqlija tiegħu, flimkien mal-għajnuna li rċieva minghand l-Ingliżi, wassal biex il-Franċiżi jċedu wara ħakma ta' 141 jum. Nhar it-28 ta' Ottubru, il-Franċiżi telqu mill-gżira, u Għawdex għadda f'idejn l-Għawdxin. L-Arċipriet Cassar kompla jmexxi b'għaqal u b'responsablita'.

F'dan l-anniversarju, din il-ħarġa ta' L-GHID TA' L-ASSUNTA ssellem lill-Arċipriet Saver Cassar, li kien ukoll l-ewwel Għawdxi li beda jitħabat għat-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex.

Tul iż-żminijiet qatt ma waqfet il-fiduċja tal-poplu f'Santa Marija. U sakemm dan il-poplu jkompli jħaddan il-valuri tal-vanġelu, Santa Marija tibqa' tħares lill-Maltin u l-Għawdxin kollha minn kull periklu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!

Dun Joe Bezzina

www.gozo.com.mt

B'tislima lil

SAVERIO CASSAR

Arċipriet tal-Matriċi u Mexxej Rebbieħ tal-Għawdxin kontra l-Franċiżi

kitba ta'

DUN JOE BEZZINA

Mitejn sena ilu, nhar l-10 ta' Ġunju, 1798, Malta u Għawdex għaddew taħt il-ħakma tal-Franċiżi. Napuljun Bonaparte, li ħakem il-Eġittu wieħed ħafna, iżda ma wettaq xejn. Nhar it-2 ta' Settembru, il-Għawdxin bħal Maltin qamu kontrihom u f'dak il-mument ta' prova daru lejn l-Arċipriet tal-Matriċi biex imexxihom fl-iqsar triq tar-rebħa. L-Arċipriet Saverio Cassar ma naqashomx.

Ritratt: John Cremona

www.gozocathedral.org.mt

Saverio twieled fl-inħawi ta' Santa Ċilja, fil-ħâra ta' Għajnsielem, limiti tal-parroċċa tan-Nadur, nhar id-29 ta' Diċembru, 1746, u kien mgħammed fil-parroċċa tan-Nadur. Huwa studja Ruma u ggradwa Duttur fid-Divinità mill-Università La Sapienza. Kien ordnat saċerdot f'Ruma mill-E.T. Monsinjur Francesco Mattei, Patrijarka ta' Alessandria, nhar it-30 ta' Marzu, 1771. Sentejn wara, nhar l-20 ta' April, 1773, il-Papa Klement XIV ħatru arċipriet tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex marriżenja taz-ziju matern, l-Arċipriet Giacomo Galea. Kien għad kellu biss sebgħa u għoxrin sena u hu l-iżgħar arċipriet li qatt kellha l-Matriċi. Ingħata l-pussess ta' Arċipriet bil-prokura, peress li kien għadu jtemm l-istudji tiegħu f'Ruma, nhar is-6 ta' Diċembru, 1773. Irritorna s-sena ta' wara u f'qasir żmien l-Isqof Carmine Ioannes Pellerano ħatru Provigarju, jiġifieri r-rappreżentant tiegħu ġewwa Għawdex.

Dun Saver għamel ħafna għal knisja Matriċi, iżda din hi storja li għad trid tinkiteb. Insemmi fil-qosor sehemu fir-rebħa fuq il-Franċiżi mitejn sena ilu. Nhar it-18 ta' Settembru, l-Għawdxin għamlu Kungress biex jorganiżżaw l-imblokk kontra l-217-il suldat u fizzjal li kien hemm fiċ-Ċittadella. Il-Kungress għażel lil Dun Saver bħala Kap tal-Gvern Proviżorju u Supratendent ġenerali tal-ġżira Għawdxija. Kellu bħala segretarju lil Avukat Fortunato Spiteri. Kienu rappreżentati fih il-Belt u l-irħula kollha ta' Għawdex: ir-Rabat, ix-Xewkija, ta' Sannat, l-Għarb, iż-Żebbuġ, ix-Xagħra, u n-Nadur.

L-imblokk tmexxa mill-Arċipriet Cassar mill-Kwartier Ġenerali li hu waqqaf fuq l-għolja ta' Gelmus minn fejn setà josserva tajjeb iċ-Ċittadella. Sadanittant talab l-għajnuna minn Sqallija u ġew iġhinhom mhux l-Isqallin, iħda l-Portugiżi u l-Inglizi. L-ewwel li wasal, nhar id-19 ta' Settembru, kien il-Portugiż, il-Markiż de Niza b'hames bċejjeċ tal-baħar. Fit-22 tax-xahar wasal il-Kaptan George Henry Cage, l-ewwel kaptan Ingliż li wasal fuq ġiritna tul l-imblokk. Xahar wara imbagħad, nhar l-24 ta' Ottubru, wasal fl-ibħra ta' Malta il-Viċi-Ammirall tal-Flotta Ingliża, Sir Horatio Nelson fuq il-frejgata *Vanguard*. Dak inhar fil-għaxija stess, l-Arċipriet Cassar mar fuq il-frejgata biex jiltaqa' miegħu. Laħqu ftehim biex Nelson jikkonvinċi lill-Franċiżi biex iċedu.

Nhar is-27 ta' Ottubru, ordna lill-Kaptan Alexander John Ball biex imur Għawdex ħalli jgħaddi l-kundizzjonijiet tal-kapitulazzjoni lill-Franċiżi. Il-Franċiżi, assedjati f'nofs il-ġżira u mdawwra minn poplu irrabbjat għalihom, ma kellhom ebda tama li se taslilhom xi għajnuna bil-baħar, u quddiem il-qawwa Ingliża qatgħuha li jċedu bl-unuri. Il-ftehim kien iffirmat il-Ħadd, 28 ta' Ottubru, 1798, u l-Franċiżi bdew minnufih jimmarċjaw 'l barra miċ-Ċittadella. Hekk kif ħareġ l-aħħar suldat Franċiż, il-Kaptan John Creswell tal-Morini tella' l-*White Ensign* tal-morini fuq iċ-Ċittadella ta' Għawdex. Għall-ewwel darba perpret Bandiera Ngliża fuq il-ġżejjer Maltin.

L-għada, it-Tnejn, 29 ta' Ottubru, il-Kaptan John Creswell formalment għadda t-tmexxija taċ-Ċittadella u tal-ġżira ta' Għawdex lill-Arċipriet Cassar. *The place was delivered up in form to the deputies of the*

www.gozocathedral.org.mt

island – il-post kien formalment mgħoddi lid-deputati tal-gżira, kiteb Alexander John Ball lil Nelson nhar it-30 ta' Ottubru. U kif l-Għawdxin daħlu fil-Belt taċ-Ċittadella, niżżlu l-Bandiera tal-Ingliżi u telgħu minflokha l-Bandiera tar-Re ta' Sqallija u Napli.

Għawdex u Kemmuna għaddew fit-teorija taħt ir-Renju ta' Sqallija. Iżda, fil-prattika, saru nazzjon żgħir indipendenti u damu hekk għal tnejn u għoxrin xahar, jiġifieri sal-5 ta' Settembru, 1800. Dakinhar kienet iffirmata l-kapitulazzjoni tal-Franċiżi f'Malta u l-Ingliżi ħadu dawn il-gżejjer taħt il-protezzjoni tagħhom. Tul dawn ix-xhur, l-Arċipriet Cassar mexxa l-gżejjer bħala Gvernatur-ġenerali. U t-tmexxija tiegħu kienet rikonoxxuta kemm mill-Gvern Naplitan kif ukoll mill-Gvern Ingliż. Baqa' jmexxi 'l Għawdex b'mod l-iktar għaqli sas-19 ta' Awwissu, 1801.

L-Arċipriet Cassar jibqa magħruf fl-istorja reliġjuża bħala l-ewwel wieħed li talab għat-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex; djoċesi li





ritratt: John Cremona

saret realtà bil-ħidma bla waqfien ta' l-Arċipriet tal-Matriċi Dun Mikiel Franġisk Buttigieg. (Ara l-artiklu ta' Alessandru Bonnici paġna 13).


Miet nhar is-16 ta' Diċembru, 1805.

• Il-kwadru ta' l-Arċipriet Saver Cassar kien irregalat lill-Mużew tal-Katidral mill-werrieta ta' Ester Bondì, li mietet fl-età ta' 91 sena nhar 21 ta' Settembru, 1972, u li kienet issostni li l-familja dejjem żammet dan il-kwadru bħala ta' l-Arċipriet Cassar. Minħajr l-iċken dubju, il-kwadru jirrappreżenta kanonku tal-Matriċi liebes il-kappamanja, prerogattiva tal-Kapitlu tal-Matriċi, b'salib ta' Malta bi tmien ponot b'ċentru tond blu bl-M għal isem tal-Madonna fuq dan iċ-ċentru (ara ritratt fuq), salib li wkoll hu prerogattiva tal-Kapitlu tal-Matriċi, mogħti lill-Kapitlu mill-Papa Piju VI fl-1781 (ara ritratt fuq ix-xellug). Xi ħadd riċentament ħoloq dubju dwar dan il-kwadru, minħajr ma ta l-iċken prova serja għaliex l-awtentiċità ta' l-attribuzzjoni hi skoretta. *Gratis asseritur, gratis negatur.*

www.kazoatholic.org.mt

ANNIVERSARJI TAL-15 TA' AWWISSU

miġbura minn Dun Joe Bezzina



Arkivju Nazzjonali, Ghawdex

1598: 400 sena ilu

Nhar il-15 ta' Awwissu, 1598, erba' mit sena ilu, waqt li l-poplu kien qiegħed igawdi l-festa ta' Santa Marija, ġriet ix-xiegħa li t-Torok kienu qrib Għawdex. Il-ħafna Maltin li kien hawn għall-festa ġew minnufih imbarkati lejn Malta u minn Malta ntbagħtu numri ta' kavallieri, servjenti, u suldati biex jiddefendu l-gzira. Madwar erbgħin ġifen Tork, taħt il-kmand ta' Cikala Paxa', daħlu fil-fliegu ta' Għawdex. F'kemm trodd salib uħud bdew inizzlu n-nies l-art. Madwar mitejn suldat Tork bdew ifornu l-iġfna bl-ilma u wara li ħelsu telquha lejn iċ-Ċittadella biex jattakkawha.

Madankollu l-Gvernatur Fra Galandri Capace u l-Kavallieri kienu fuq l-alert. Kif waslu qrib iċ-Ċittadella fethu n-nar tal-kanuni fuqhom u l-Gvernatur ħareġ għal fuqhom u ġegħlhom jirtiraw. Il-kavallerija Għawdxija, taħt il-kmand ta' Fra Guliermu Guadagni Beauregard baqgħet sejra warajhom lejn l-Imġarr. B'taqbidiet 'l hawn u 'l hemm ġegħlithom jitilqu mill-gzira b'għajb kbir tagħhom. Ma ħadu xejn għajr raġel wieħed biss u żewġ bhejjem.


Tradizzjoni qadima tgħid li f'ħin minnhom dehret il-fiġura ta' Santa Marija tittajjar fl-inħawi. Din id-dehra ma' l-attakk tal-kavallerija kompliet tifxel lit-Torok li dlonk refgħu l-ankri u ħallew l-Għawdxin bi kwiethom. L-Għawdxin għallenija attribew il-ħelsien tagħhom lil Santa Marija.

Qegħdin inġibu silta mit-taghrif mogħti dwar dan l-attakk mill-manuskritt ta' GANN PIET FRANGISK AGIUS DE• SOLDANIS, *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano,* 1745, folju 329 : Arkivju Nazzjonali (Għawdex), Miscellanea.

www.gozocathedral.org.mt

Vinyard

Bar & Restaurant





Cateres for Special events like Wedding, Engagments, Birthdays, Baptisms, Holy Communion, Confirmation, Staff Parties, etc...


Surrounded by mystical Country Side, The Vinyard Hall have a capacity of 200 seating and 60 seating at the hall garden

For Reservation and Enquires
Mgarr Road, Victoria, Gozo.
Tel: 559976, Tel:/Fax: 556966.

www.gozocathedral.org.mt

1898: 100 sena ilu

Erba' mit sena ilu, mit sena ilu, sena ilu, il-festa ta' Santa Marija dejjem l-istess: kienet tiġbed numru kbir ta' nies minn Malta. Silta mill-ġurnal *Il Risorgimento* (13 ta' Awwissu, 1898) paġna 2, ihabbar li se jsiru vjaġġi speċjali lejn Għawdex mill-vapuri ta' l-istim *Gleneagles* u *Princess Melita*.



IL RISORGIMENTO 13 Agosto 1898

La Nave di S. M. «Dragon» è partita oggi per una crociera in Sicilia.

Il Signor Formosa, Scrivano Confidenziale nell'ufficio dell'Assistente Segretario Militare per più di 40 anni, si ritirerà dal Servizio in pensione il 30 settembre prossimo, percependo sette scellini al giorno.

I Vaporetti *Gleneagles* e *Princess Melita* faranno domani e lunedì diversi viaggi pel Gozo in occasione della festa di Santa Maria.

Lotterie— Jeri Teresa Carbonaro fu condannato dal Magistrato Dr. Frendo Azopardi alla prigionia per tre mesi per aver fatto lotteria senza il permesso della Polizia.

Furto—L'Assistente Soprintendente di Polizia signor Alfredo Gouder arrestò giovedì scorso A. Scerri, dell'età di 16 anni per aver rubato un orologio e catena alla Vittoriosa.

L'Ammiraglio Sir. J.O. Hopkins, partì jeri da Gibilterra.

Morte subitanea—Jeri G. Mellack dell'età di 66 anni morì subitamente in Valletta.

Librerija Pubblika, Ghawdex

IL-FESTA TA' SANTA MARIJA F'GHAWDEX

DAN huwa l-programm tal-festi kbar li sejrin isiru fil-Knisja Kattidrali Ghawdxija u fil-Belt Vittorja b'omm tal-Tluġh ta' Omnna Marija fis-Sema, Patruna speċjali ta' dawn il-gżejjer.

Festi ta' ġewwa

Is-Sibt, 14 ta' Awissu, bdiet il-festa, fil-5.30 a.m. Kurunella tal-Madonna. Fil-5.45 a.m. L-ahhar priedka tal-Kwindiċina minn Patri Lett. Fidlet minn Ghawdex, Kaġeċin. Fis-6.15 a.m. Quddiesa bil-quċċijiet. Fil-8.30 p.m. Translazzjoni pontifikali. Fis-6 Antifona, Ghasar Pontifikali, Kumpjeta. Litanija u Barka Sagramentali.

Il-Ħadd, jum il-festa, fil-5 a.m. Matutin solenni. Fis-7.30 a.m. Purċissjoni Pontifikali. Fid-9 a.m. Terza fis-Segristija fejn iliġi mlibbes Pontifikali l-E.T. Mons. Isqof u wkoll il-Kapitlu. Fid-9.15 a.m. Pontifikal. Fid-9.45 a.m. l-E.T. Mons. Isqof Gużeppi Pace Ph.D. S.Th., J.C.D. jiċċelebra l-Omelija ta' Santa Marija. Fl-4.30 p.m. Ghasar. Fil-5.15 p.m. Traslazzjoni bir-Relikwja tal-Madonna li tittiehed mill-ġdid fil-kappella tas-Salvatur. Barka Sagramentali.

Il-funzjonijiet ta' lejliet u nhar il-festa jsiru mill-E.T. Mons Isqof Djoċesan akkumpanjat mill-Kapitlu ta' l-istess Knisja Kattidrali. Il-mużika tkun imexxija mis-Surmast tal-Kappella Mro. Pawlu Lemon.

Festi ta' barra

Fit-13 ta' Awissu, jum id-dimostrazzjoni, Fil-5 a.m. Sparar mill-Gran Kastell. Fil-5.30 p.m. il-bands dilettanti "Leone" titlaq b'marċijiet ġodda u bsiġiet minn Triq l-Arċipriet Gasan. Fis-8.15 p.m. l-istatwa tal-Madonna tiġi mtella'ha fuq pedistall it-Tokk quib id-dawl ta' l-istampiet tal-Madonna u mudelli tal-Knisja. Dawl tas-serchlights ikun tul it-triq kollha. Fid-9.30 p.m. Programm fil-mixgħla ewlieni mill-bands Leone u Banda l-Unju l-Kbir ta' Santa Marija. Mixgħla ġenerali. Lejliet il-festa, fil-5 a.m. sparar mill-Gran Kastell. Fil-4.30 p.m. marċ granċjuż mat-toroq pavojati ... tal-belt Ghawdxija mis-tmien bands Leone ta' Ghawdex u Pjuż X ta' Hal-Lija. Fil-8.30 p.m. il-banda Pjuż X ta' Hal-Lija ddoqq programm it-Tokk. Ftit wara il-bidu tpjazza il-banda Leone taghmel programm u ddoqq il-popolari inau ta' Santa Marija, kantat minn tfajliet u mis-Sur J. Zammit Harrison (Tenur) u s-Sur Bezzina (Baritonal); fil-11 p.m. logħob tan-nar fi Triq it-Tigrija maħdum mill-a Ninu Farruġia. Mixgħla ġenerali.

F'jum il-Ghid ta' Santa Marija, fid-9.30. a.m. il-banda San Gużeppi tal-Ħamrun tferrah it-toroq tal-Belt Ghawdxija. Fil-10 a.m. l-E.T. il-Gvernatur u Mrs. Douglas iqassmu l-premjijiet tal-Wirja Agrarja-Industrijali fil-Villa Rundle. F'Nofs in-nhar il-bands San Gużeppi tal-Ħamrun tkun fil-mistieħna fil-kasin tal-Ghaqda Mużikali Leone; fil-5.30 p.m. Tigrija talbiedjem. Fis-6 p.m. tberik tal-bandalora bis-simbolu tal-Madonna mill-W.R. Mons. Kan. Dun Salv Attard Direttur Spiritwali tal-banda Leone li wara tiġi prezentata lill-kumitat talbanda San Gużeppi tal-Ħamrun. Fis-6.30 Marċ minn Triq l-Arċipriet Casaar ghat-Tokk mill-banda San Gużeppi tal-Ħamrun, li fis-7 p.m. taghmel programm fil-Misraħ ċentrali. Fil-8 p.m. Marċ mill-banda Vittorja tax-Xagħra minn Triq it-Tigrija ghat-Tokk u fid-9 p.m. taghmel programm. Fid-9.30 p.m. marċ trijonfali u tradizzjonali b'mixgħla Venezjana fl-ahwa ta' Savina mill- banda Leone.

JOHN AGIUS
DENTISTA
52, PAWLA SQUARE
KAHAL IL-GĦID
JINTIJET
mit-8 a.m. sa nofs in-nhar
mill-4 sas-7 p.m.

Librerija Pubblika, Ghawdex

1948: 50 sena ilu

Programm tal-festa ta' Santa Marija minn *Il-Berqa* (10 ta' Awwissu, 1948) paġna 7. Sa dak iż-żmien il-purċissjoni ta' Santa Marija kienet issir fis-sebgħa u nofs ta' fil-għodu.

We at

RAINDROPS

Can change your house to a home with unique flower Arrangements and exotic indoor and outdoor plants.

Landscape your garden with pleasure
Get rid of watering troubles
by using our drip irrigation system.

Get rid of pests with our expert advice.

Enjoy a healthy swim in your pool with our new line of Pool Care Products.

SHOP
23 Main Gate Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 554114

STORES & OFFICE
Borg Gheritu Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 551254, Fax: 561489

www.gozocathedral.org.mt

Gozo still huge attraction for Maltese for feast of Santa Marija

Mixed blessing for Gozitans

Ariadne Massa, Herman Grech

In three days Gozo has been transformed into a mecca for 41,830 Maltese who crossed over to celebrate the traditional feast of Santa Marija, an exodus which Gozitans accept as a mixed blessing.

While on the one hand they feel that their island has been invaded, on the other hand their businesses are thriving with most young people each budgeting more than Lm100 for their four-day holiday.

While they are prepared to fork out the money for their entertainment and stay in Gozo, it seems as if they have opted to save on transport costs following the introduction of higher ferry tariffs in March.

Though the number of passengers has risen by 1,000 over last year, the number of cars ferried across to Gozo has declined to 8,220 from 9,600 cars, representing a sizeable drop of 1,400 cars.

The Times interviewed several young people crossing over to Gozo and also businesses in Gozo to determine the attitudes towards the huge influx of Maltese visitors.

Gozo Channel chairman Saviour Brincat said that from the beginning of the month it was estimated that 172,000 people visited Gozo.

People started to travel to Gozo since Monday but queues reached a peak on Thursday with ferries boarding approximately 100 cars an hour.

While people packed their bags for a relaxing break after offices and factories shutdown for the summer period, Gozo Channel employees were far from having a holiday.

Ships were operating round the clock and Thursday's shuttle service laid on 74 trips, an increase of 22.

Young people started to flock to the sister island early in the week, all dressed up in cool, funky clothing, mirrored sunglasses currently in vogue and loads of money in their pockets.

Dean Muscat, 20, who was waiting to get on the ferry at Cirkewwa on Thursday morning said plastic money will take over when the cash dries up.

Dean and his friend Gordon Grech, 17, said that going to Gozo at this time of year was an annual ritual. They stayed with 10 other friends in a farmhouse in Kercem, paying a total of Lm360 for three nights.

In some cases, the prices of rented farmhouses with a pool can escalate up to Lm1,000 for 12 people for a stay of just five days.

Ramon Azzopardi, 22, and Deborah, 23, who were also waiting at the quay said they looked forward to going to Gozo for a fun and relaxing break with friends.

Deborah and Ramona who will be staying at a farmhouse in Gharb with two others have paid Lm360 for three nights.

Deborah said they have all budgeted about Lm100 for their whole stay.

Gordon Stellini, 19, and Roderick Debono, 16, together with 10 other friends have rented two flats in Xlendi and paid Lm9 each for three nights. All have a budget of a Lm100 for their holiday.

Gordon and Roderick said that they like going up to Gozo because of the atmosphere, and "anyway Paceville will be empty since everyone goes to Gozo".

Meanwhile, all Gozitans who own a flat or a farmhouse have been fully booked months in advance for the week of Santa Marija and those who were unlucky in finding a place resorted to sleeping in their cars.

Mr Joe Vella, manager of Serena Apart Hotel in Xlendi, said that their hotel of 300 beds was fully booked with foreigners and just two Maltese couples.

"If we had more rooms we would have certainly filled them all up with Maltese coming over for the feast of Santa Marija. The parking area of our hotel was jampacked with people sleeping in their cars," Mr Vella said.

Mr Joe Muscat, general manager of the Calypso Hotel in Marsalforn, said the 90 rooms of the hotel were full.

He said about 30 Maltese families had come to stay at the hotel for a week's relaxing break.

"This feast has always been one of the busiest periods for Gozo for as long as I can remember. The Maltese market seems to have taken over for this time of year since foreigners often prefer October," Mr Muscat said.

Owners of flats and farmhouses have had their phone ringing incessantly for well over a month with Maltese desperately trying to find lodging.

However, many owners are very wary who they rent their flat or farmhouse to, since youths often tend to leave a trail of damage in the place.

Mrs Michelangela Azzopardi who owns five flats in Marsalforn refuses to even contemplate renting out her flats to young people.

Her flats are, however, fully booked with Maltese families until Monday.

"More than 50 other people have called me looking for a place this week but I was booked. However, I do not rent out my flats to young people because we always had problems when we did," she said.

Mrs Guża Agius fully agrees saying that she will only rent out her flats to families.

Mr John Spiteri, who owns six flats in Xlendi, said that if he makes Lm300 from renting the flat, Lm100 of that money will go towards repairing the damage left.

Mr Spiteri's flats are fully booked with Maltese youths.

Mr Manuel Borg, owner of two flats in Marsalforn and Xlendi said his flats had been booked by Maltese people for well over a month.

Asked why Gozo was still a main destination for the Maltese in August, Mr Brincat said the island was still viewed as a showcase of serenity and peace.

"Admittedly, you have to avoid Marsalforn and Victoria if you want to find this peace," he said.

So what do youths search for while in Gozo, apart from meeting friends and having fun?

All young people interviewed said the major highlight of their trip was the Tribù party which was held at La Grotta nightclub yesterday. Tickets sold at Lm7.50.

Police said security in Gozo had been beefed up and several roadblocks were carried out all week in Cirkewwa and in parts of Gozo.



Gozo Channel has had a busy time, but yesterday the traffic had petered out... those intending to go to Gozo had left by Thursday night.

1997 - sena ilu

Titlu fuq ħames kolonni ta' *The Times* (16 ta' Awwissu, 1997) fil-paġni tan-nofs li jitkellem waħdu: *Gozo still huge attraction for Maltese for feast of Santa Marija*. Jiġifieri erba' mit sena minn meta numru kbir ta' Maltin kellhom jittieħdu f'malajr lejn Malta minħabba biża ta' attakk fuq Għawdex, Għawdex għadu attrazzjoni kbira għal Maltin fil-festa ta' Santa Marija. U jibqa!

www.cathedral.org.mt



Sole Agents:

Joseph Caruana Co. Ltd.

'Caruana Bldgs', Mgarr Road, Victoria.

Tel: 560019

www.gozocathedral.org.mt

IL-PETIZZJONI TA' L-ARĊIPRIET SAVER CASSAR GĦAT-TWAQQIF TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

minn

Alexander Bonnici OFMConv

Żmien twil ilu, fil-Għid ta' l-Assunta 12 (1977), jiena ppublikajt il-kitba bit-titlu "It-talba lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija biex Għawdex jinqata' fi djoċesi għalih". Kienet kitba li tfakkar żmien il-Franċiżi. Jiena rbattha ma' l-ewwel riċerki tiegħi fil-belt ta' Palermu. Kienet fuq dokumenti mill-Archivio Comunale ta' Palermu, li jiena ġbarthom fis-sena 1965. Minn dak iż-żmien 'il hawn, jiena mort drabi oħrajn f'Palermu, u għarbilt materjal ieħor li jgħin biex insiru nafu aħjar l-istorja ta' Malta u Għawdex.

Wara ħafna snin, waqt li qegħdin infakkru l-mitejn sena mill-okkupazzjoni Franċiza fl-1798, jiena sejjer ninżel ftit iżjed fil-fond f'dak li fihom ftit minn dawn id-dokumenti. Sejjer inħares lejn l-ewwel tentattiv li ma rnexxiex meta kien hemm ix-xewqa li Għawdex isir djoċesi. Id-dokumenti li għandi f'idejja huma mijiet. Imma sejjer inħares biss lejn il-ħidma ta' Dun Saver Cassar li kellu sehem kbir fl-istorja ta' Għawdex ta' dak iż-żmien. Żgur li dawk is-sentejn ta' okkupazzjoni Franċiża kienu ta' niket kbir u l-gżejjer tagħna, kif juru d-dokumenti, kienu jqisu ruħhom fi żmien ta' gwerra. Imma, mill-ħażin, xtaqu jieħdu xi ħaġa tajba. Madanakollu, iż-żmien ma kienx matur biżżejjed.

Ir-Re fil-għażla ta' Isqof

Dun Saver Cassar kien f'pożizzjoni importanti fi żmien il-Franċiżi. Minn-barra li kien l-Arċipriet tal-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta (illum il-Katidral), hu kien il-Gvernatur ta' Għawdex u l-kap ta' Gvern proviżorju. F'saħħtu, ma kienx tajjeb wisq. Imma, lil Cassar, l-enerġija ma naqsitux, u kienet minsuga wkoll ma' għadd ta' ambizzjonijiet għalih u għall-għira ċkejkna tiegħu.

Cassar ħadem għal Għawdex f'żewġ oqsma: wieħed ekkleżjastiku u l-ieħor ċivili. Ittama li sata' jkun hemm djoċesi għal Għawdex u li jkun hemm wkoll Qorti ta' l-Appell f'Għawdex stess. Id-dokumenti li għandi f'idejja huma ħafna għal dawn il-ħidmiet. Nieqaf fuq ix-xewqa tad-djoċesi. F'dan l-argument ukoll, ma hux il-każ li ninżel fil-fond ħlief fuq xi żewġ dokumenti importanti. Jekk inħarsu lejn Isqof għad-djoċesi, Cassar kien jaf tajjeb li l-Isqof ta' Malta ma satax ma jkunx jogħġob lir-Re. Sa

www.gozocathedral.org.mt

TABEL TOPS/LAMP FUEL




Ghal Restaurants,Pubs,
Knejjes,Kappelli,
Statwi, ecc.

Hollowick Inc.

Import / Wholesale
Zebbug, Malta.

Tel/Fax: 461095

www.gozocathedral.org.mt



ritratt: Max Xuereb

minn iżjed minn mitejn sena, il-Kavallieri ta' San Ġwann, f'laqgħa tal-kunsill, kienu jippproponu tliet kandidati għall-episkopat, u jressquhom quddiem ir-Re ta' Spanja. Minnhom it-tlieta, ir-Re kien jaqbad wieħed u jippreżentah lill-Papa ħalli jiġi nnominat Isqof. Difikultajiet u protesti kien hemm ħafna. Imma s-sistema baqgħet taħdem u lill-Papa qatt ma tħallietlu liberta' fil-għażla ta' Isqof ta' Malta.

L-Isqof ta' żmien il-Franċiżi kien l-E.T. Mons. Vincenzo Labini, tal-Kongregazzjoni tat-Teatini. Hu biss ma ġiex magħżul b'dak il-mod. Cassar it-tama li xi ħaġa simili setgħet issir għal Għawdex ukoll f'kaz li jkun hemm Isqof. Imma, għal din il-gżira ċkejkna, kien għad jonqos l-ewwel pass: l-erezzjoni tad-djoċesi.

Ir-Re leġittmu hu Ferdinandu

Dun Saver Cassar, fl-1799, kiteb lir-Re, u pprova jinċensah xi ftit. Lilu, hu kitiblu li Għawdex qatt ma kien tassew tal-Franċiżi. Malli l-Kavallieri ta' San Ġwann ġew imġeġħlin jitilqu, ir-Re Ferdinandu III, ta' Sqallija, sar is-sovran waħdieni ta' Malta u Għawdex, u mhux il-Franċiżi. Imbagħad, Cassar għadda għal dak li ttama fih. Ir-Re sata' jeżerċita s-sovranita' tiegħu billi jwaqqaf episkopat f'Għawdex. Lilu, hu tah x'jifhem li l-Papa Piju VI, li kien fl-aħħar żmien ta' ħajtu, ma kienx sejjer jiċħadlu x-xewqa tiegħu.

B'rabta mal-kitbiet ta' Cassar, ir-Re, fissatra, beda jitkixxef dwar il-qagħda billi jiġbor informazzjonijiet mingħand persuni ta' fiduċja li kellu f'Għawdex stess. Hu ried jara f'liema qagħda kienet tinstab dik il-gżira.

Il-bżonn ta' Dotazzjoni

Ir-rappreżentanti tar-Re tkellmu, fuq kollox, ma' Cassar innifsu. L-Arċipriet kellu l-proġett tiegħu dwar kif djoċesi ġdida f'Għawdex setgħet tiġi ddotata. Hu semma' żewġ benefizzji li kienu jingħataw dejjem mir-Re, u kienu f'Għawdex stess. Wieħed minnhom kien jissejjah Ta' Melenm u , f'dak iż-żmien, kien vakanti, u għalhekk ma kien qed jitgawda minn ħadd. Il-benefizzju l-ieħor kien tal-Lunzjata. Kien qed jitgawda minn wieħed xiħ akka li kien jinsab imsakkar fil-Belt Valletta. Dan ix-xiħ ma kienx f'pożizzjoni li jopponi

www.gozocathedral.org.mt

Zammit Aluminium Ltd.

'Private Alley', Fountain Street, Fontana, Gozo.
Tel / Fax: 554058.

Wasalt biex taghmel l-apertura ta' l-ALUMINIUM u tixtieq ikollok l-ahhar teknologija bl-ahjar kwalita' u b'xoghol mahdum professjonali?

Aħna b'20 SENA ESPERJENZA noffrulek dan kollu:

- *Double glazing* b'kull tip ta' ħġieġ kemm *PLAIN* u *BID-DISINN*
- Sandblasting fuq ħġieġ ta' l-aperturi jew tal-*cupboards* tal-kċejjen u anki fuq mirja
- Sistema ġdida tal-P4 u Export 60
- *Moveable Louvers*
- *Roller/Vertical Blinds*
- Soffitti u *PVC Folding Doors*
- Disinni ta' l-Aluminium addattati għall-*gates* u poġġamani minn kull kulur, tajbin ħafna għal djar rustiċi b'dehra tal-ħadid bla ma jkullok bżonn żebgħa
- Bibien tal-*garages* galvanizzati u wkoll bir-*remote control*.

Għal aktar informazzjoni u stima b'xejn ċemplu:

554058

www.nationalfolklore.org.mt

għax 'żmienu kien għamlu'. Għalih, Cassar żied ukoll: "Żgur li jmut qabel ma l-Franċizi jkollhom jirrinunzjaw għal dawn il-gżejjer". Kien benefizzju li jirrendi 112-il uqija.


Suġġeriment ieħor kien fil-għajnuna li setgħet tingħata mill-mensa episkopali ta' Malta. Cassar kiteb: "L-episkopat ta' Malta hu għani biżżejjed għax jirrendi 25,000 skut ta' Malta fis-sena".

Cassar żied: "L-Episkopat ta' Malta għandu r-renta minn artijiet ta' Lentini fi Sqallija". Għalhekk, ġie propost li ssir ftit pressjoni fuq l-Isqof ta' Malta ħalli dan jaċċetta li jħalli dawk ir-renti bħala parti mid-dotazzjoni ta' episkopat f'Għawdex.

Din ir-renta ta' Lentini flimkien maż-żewġ benefizzji setgħu ikunu suffiċjenti biex Isqof ta' djoċesi ġdida f'Għawdex ikollu fuqiex iserraħ rasu.

Għawdex jistoħqqlu djoċesi

L-Arċipriet Cassar kompla jikteb: "Din il-gżira jistħoqqilha li tinqata' minn dik ta' Malta u ssir djoċesi għaliha. Fiha jinstabu seba' parroċċi. Il-parroċċi kienu b'din l-ordni 1. Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta, 2. Ix-Xewkija, 3. L-Għarb, 4. Ta' Sannat, 5. Ix-Xagħra, 6. In-Nadur, u 7. Iż-Żebbuġ. Lill-parroċċa ta' San Ġorġ, Cassar ma jqishiex għax kienet immexxija mill-istess Arċipriet tal-Matriċi, li kien hu nnifsu. Cassar żied li kien hemm tliet kunventi Reliġjużi: ta' l-Agostinjani, tal-Franġiskani Konventwali, u tal-Kappuċċini.



ritratt: John Cremona

L-Arċipriet Saver Cassar

Ma kienx hemm diffikulta' biex tinstab knisja li tkun il-Katidral ta' djoċesi ġdida. Fil-fehma ta' Cassar, il-Katidral ma satax ikun ħlief il-Matriċi ta' l-Assunta. F'din il-Matriċi-Kolleġġjata, kien hemm dsatax-il kanonku, li tnejn minnhom kienu dinjitarji. Ma' dawn insibu tmien kappillani tal-kor, żewġ sagristanti, u seba' djakni.

Cassar kompla bl-eloġju tal-Matriċi. Il-knisja kolleġġjata ma kien jonqosha xejn f'dak li għandu x'jaqsam ma' paramenti sagri u f'kulma hu meħtieg għas-servizz liturgiku. L-arkittettura tal-knisja tqieset antika u artistika. Kienet ukoll knisja kbira li jixriqilha li tkun bil-ġieħ ta' Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

AXIAK BROS.

(STONE DECORATIONS) LTD.

LIMESTONE DECORATORS
MANUFACTURES

Manufactures of:

- All types of balustrades
- Sculptured or plain columns
- Sculptured or plain closed stone balconies
- Fountains
- Stone troughs
- Flagstones (ciangatura) in various sizes
- Gozo marble (hard stone) tiles in various sizes
- Stone cladding (Qoxra)
- All types of rustic cladding (Sejjieh)
- Hard stone cladding (tal-qawwi)
- Marble Boarder Patterns
- Interior decorations: Light Fixtures, lampshades, etc..
- Scaffolding hire





Prefabricated, Cast Iron & Electrical Fireplaces,
Gas Burners for fireplaces - Fire screens
Brass fenders - Fire Baskets - Coal Buckets
Ovens - Fire Bricks - Tool Sets
Complete Fireplaces with Mantelpieces,
Fireboxes - BBQ's - Fireplaces Installers,
Sealers for old and new buildings.

Come for a visit to see our new range of fireplaces at our centre, located at
Xewkija Industrial Estate,
Taflija Road, Xewkija, Gozo - Malta.

Tel: / Fax: 560252
Mobile: 097 7865/6

www.gozocathedral.org.mt

Cassar kiteb ukoll dwar il-poplu. Fil-fehma tiegħu, 14,000 ruħ kienu jiffurmaw popolazzjoni kbira bizzejjed biex ikun hemm djoċesi.

Rimedju kontra diżordni

Cassar issokta jikteb li l-erezzjoni ta' djoċesi ġdida kienet tista' tkun bħal rimedju biex jispiċċa dak id-diżordni kollu li l-għaqda kienet qed toħloq. Speċjalment fi żmien diffiċli, bħalma kien dak tal-Franċiżi, ma kienx faċli li, f'xi bżonn, imorru jitkellmu ma' l-Isqof fil-Palazz tiegħu. Għawdex kien qed iħossu maqtugħ għal rasu. Kien meħtieġ li l-kleru u l-poplu tal-ġżira ikunu jistgħu jikkomunikaw ma' Isqof li jkun fil-qrib.

L-Arċipriet ippropona li Għawdex jinqata' minn Malta bl-istess mod kif, fi Sqallija, Cefalu' u Monreali nqatgħu minn Palermu. Cassar bażi' li r-Re jaħseb li l-benefizzji jingħataw b'diffikulta' mis-Santa Sede. Għalhekk, hu kiteb: "Jekk il-Maesta' tiegħek tilqa' din is-supplika, il-benefizzji msemmija jistgħu bla diffikulta' jsiru ta' l-episkopat il-ġdid. Jiena nnifsi għandi setgħat appostoliċi biex inkun nista' niddisponi ħalli dik il-għaqda tal-benefizzji b'mod li jsiru tad-djoċesi".

Diffikultajiet

Fi żmien qasir, inħolqu diffikultajiet dwar ir-renti ta' Lentini. L-Isqof ta' Malta ma kienx se jċedi għalihom. Imma Cassar, lir-Re żied jgħidlu: "Għal Isqof ta' Għawdex, ir-Re jista' jipprovdi renti minn episkopati oħrajn fi Sqallija. Qed ngħid għad-djoċesijiet l-iżjed għonja. Episkopat għani ħafna hu dak ta' Mazara. Tista' tingħata lid-djoċesi anki xi kommenda ta' l-Ordni ta' San Ġwann li ssir vakanti".

Għal darb' oħra, Cassar fisser kemm kellu setgħat mogħtija lilu minn Ruma. Hu kiteb: "Dwar kommendi ta' l-Ordni ta' San Ġwann, għandi setgħat appostoliċi mogħtija lili b'mod li nista' nagħti minnhom għal xi episkopat".

Il-kunsens ta' Malta?

Cassar baqa' jagħfas kemm sata' jkun ta' benefiċċju kbir għal Għawdex jekk issir l-erezzjoni ta' djoċesi. Imma hu kien jaf tajjeb dwar kemm kien meħtieġ li jkun hemm il-kunsens ta' l-Isqof u l-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta. L-Isqof kien Vincenzo Labini. Dwaru, Cassar jgħid: "Dan l-Isqof hu twajjeb ħafna. Hu jnissel fina tama li nistgħu nittrattaw miegħu liberament. Żgur li, bil-qalb kollha. hu ma hux sejjer jopponi għarrieda tar-Re".

Imbagħad, ikun jonqos l-aħħar pass li, mingħajru, jaqa' kollox. Cassar kiteb: "L-aħħar pass ikun li r-Re jagħmel rikors lis-Santa Sede ħalli l-Papa joħroġ il-bolla ta' l-erezzjoni tad-djoċesi". Hawn ukoll, Cassar wera li, jekk il-proġett jirnexxi, mhux biss kellu d-dritt li jħabbar l-erezzjoni tad-djoċesi, imma ttama wkoll li l-għażla taqa' fuqu bħala l-ewwel Isqof

www.gozocathedral.org.mt



Ristorante
arzella

IL-MENQA, M'FORN - GOZO
Tel. 554662 - 551992

SPECIALISING IN
LOCAL FRESH FISH
TRADITIONAL MALTESE DISHES

Fashion CLUB

The Fashion Place

2, St.Georges Square,
Victoria, Gozo.
Tel:551287



For Exclusive Elegant Wear

Beaver
The Fashion Place

2. St. George's Square,
Victoria, Gozo.

Tel: 551287

www.gozocathedral.org.mt

ta' Għawdex. Imma, dwar dan, l-Arċipriet Cassar ma jiktibx b'mod ċar ħafna ħalli ma jonqosx mill-prudneza[1].

Żmien diffiċli

F'dak iż-żmien ta' l-okkupazzjoni Franċiża, meta l-qagħda tal-poplu Malti kienet tant inwiegħra, ir-Re Ferdinandu ma satax jitkixxef bil-liberta' ta żmenijiet oħrajn. Malta u Għawdex kienu fi stat ta' assedju. Imma, xorta waħda, is-supplika ta' l-Arċipriet Cassar intbagħtet f'Għawdex stess għand persuni li r-Re Ferdinandu kien għadu jafda fihom. Ir-Re ried li huma jagħtuh l-ideat tagħhom. Il-konkluzjoni kienet waħda ta' dizappunt għall-Arċipriet Cassar. Minn Għawdex, lir-Re qalulu li ma kienx jaqbel li d-djoċesi ssir f'dawk iċ-



ritratt: Max Xuereb

ċirkustanzi. 'Il-quddiem, il-każ kellu jiġi eżaminat mill-ġdid. Kien hemm inċertezza kbira dwar il-futur ta' Malta u Għawdex. Għalhekk, il-progett li ħadem għalih l-Arċipriet Cassar biex Għawdex isir djoċesi f'dak iz-zmien tal-Franċiżi ma rnexxiex[2].



ritratt: Max Xuereb

Referenzi:

1 Biblijoteka Komunali ta' Palermu, 4Qq. D.39, ff.153x-154x, 159r-160r.
2 Ib.,ff.163r-164v,176r.

www.gozothedigitalarchive.org

BONDI'S
Boutique

2, Republic Street, Victoria, Gozo

Tel: 556029

Tamarisk Restaurant
And Pizzeria

VICTORIA GOZO

WE ARE OPEN ALL WEEK FOR LUNCH
& DINNER EXCEPT MONDAY EVENING

Tel: 551382 Mob: 097 3266
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo.

www.gozocathedral.org.mt

IS-SINIFIKAT TA' FORN IL-ĠIR

ta'

Victor J. Galea

Għawdex kellna żewġ postijiet jgħidulhom Forn il-Ġir. Wieħed kien ta' Sannat u l-ieħor fejn illum hemm il-Kapuċċini, ir-Rabat. Malta, Abela jsemmi post ieħor, jgħidulu Forn il-Ġir wara li jsemmi Wied iż-Żiju u qabel Xagħret il-Lippija barra Ħaż-Żabbar lejn il-baħar. Il-prof. Wettinger isemmi Forn il-Ġir ieħor Ġebel Ċantar barra r-Rabat ta' l-Imdina.

Abela jgħid li forn il-ġir ifisser kalkara fejn isir il-ġir. Forn il-Ġir li jsemmi Abela jinsab post fejn is-saff tas-sekonda qiegħed fil-wiċċ tant li f'dawk l-inħawi hemm iż-Żonqor fuq ix-xellug tal-port ta' Marsaskala. Ħekk ukoll ta' Sannat niltaqgħu mas-sekonda bejn Mġarr ix-Xini u x-Xlendi. Ħafna għadhom jiftakru l-kalkara li kien hemm int u dieħel ta' Sannat u t-tromba tal-kalkara li hemm f'nofs il-lukanda ta' Ċenċ li saret l-emblema tagħha.

Dun Franġisk Agius fil-manuskritt ta' l-istorja t'Għawdex tiegħu jsemmi l-Knisja tal-Madonna ta' Forn il-Ġir ta' Sannat li sabha fil-visti ta' l-isqfijiet. Fl-istess faċċata jsemmi l-knisja tal-Vitorja ta' Forn il-Ġir. Fil-visti ta' l-isqfijiet anke Sant'Agta ħdejn il-knisja tal-Grazzja tal-Kapuċċini jingħad li tinsab Forn il-Ġir. Ħekk ukoll il-Madonna ta' Ġilju u l-Madonna tal-Grazzja.

Il-Prof. Wettinger jgħid li fl-istess kuntratt li sar għand in-nutar Gauci fl-1567 Forn il-Ġir kienet għalqa mdawwra bil-bruġ tal-ġebel b'dar u mandra fl-inħawi tal-knisja ta' Sant'Agta. Naħseb li ħafna jiftakru dik id-dar fejn il-vari tmiss mal-ġnien tal-Kapuċċini.

Meta wieħed jaqra dan jistaqsi x'wiċċ tost kellu Dun Ġużepp Farrugia li qaleb l-istorja ta' Għawdex ta' Dun Franġisk Agius l-isem ta' dan il-post li jinsab darbtejn fil-lista tal-knejjes magħluqin iniżżlu Fomm il-Ġir bħallikieku qed jikkorreġih. Dawn il-vavati niltaqgħu magħhom 'l hawn u 'l hemm fix-xogħol ta' Dun Ġużepp bħal ngħidu aħna Mieġel Kotob, li tfisser il-ġiebja mikxufa ta' Kotob, dawwar f'mewġ il-Ħotob u l-mixta niżżilha miskta forsi għax l-exxe Dun Franġisk Agius jiktibha la taljana sc.

www.gozocathedral.org.mt



CITADEL VIDEO COMMUNICATIONS

Still Photography, Radio & Television Productions



The best caterers for sights and sounds of Gozo

You Name It ... We Do It ... From Weddings & Family Occasions to International Productions

The only Gozo based facility catering for

Domestic and Professional VHS, Super VHS & Hi 8 Video

as well as Broadcast U. Matic High Band SP and Betacam SP video format



For more information contact us at


By The Bastion Road, Victoria Gozo MALTA

Tel/Fax: (356) 551 936 - E-Mail: cvc@orbit.net.mt

GOZO DINITROL CENTRE

IF YOU DON'T GET THIS STICKER,

YOUR CAR HASN'T BEEN RUSTPROOFED TWICE



Because only Tuff-Kote Dinol has the 2-step system.

ANTHONY SPITERI Rustproofing and Panel Beating Centre


St. Leonard Street, Victoria, Gozo. Tel: 551991

www.gozothen.com.mt

Issa li f'post bħal dak li hemm fl-inħawi ta' barra Ħaż-Żabbar u ta' Sannat wieħed jifhimha li jiltaqa' ma' l-isem Forn il-Ġir imma ħdejn il-Kapuċċini fejn il-ġebla li hemm fil-wiċċ hi l-franka dan l-isem kif ġie?

Niftakru li barra l-ġebel tas-sekonda biex tagħmel il-ġir trid l-ilma biex ittafih. Meta ma jkollokx ħafna xogħol jew ma tistax tagħmel ieħor biżżejjed bir. Għalhekk Malta għandha lil Bir Kalkara li llum tingħad u tinkiteb Birkirkara. Dal-bir ta l-isem lill-ewwel parroċċa ta' Birkirkara li kienet Santa Liena ta' l-Għargħar, fejn illum hemm San Ġwann. F'Wied Għomor taħt Santa Margerita ta' l-Għargħar mhux bogħod minn Santa Liena hemm is-sekonda li minnha jinqata' l-ġebel għall-ġir.

Imma meta jkollok bżonn ta' ħafna ġir għal xi biċċa xogħol gwappa l-aħjar ħaġa li tagħmel iġġorr il-ġebel tas-sekonda minn fejn jinqata' lejn l-eqreb għajn li jkun hemm fejn għandek bżonn il-ġir. Fil-ktieb tal-Brigadier Samut-Tagliaferro fuq it-torrijiet madwar il-kosta ta' Għawdex naqraw li fl-1607 meta kien se jitella' t-Torri Garża, fil-post li għadhom jgħidulu fuq it-Torri, ix-Xatt, il-Grammastru Wignacourt ħareġ il-permess biex jinqatgħu elf qatta saqħtar u ħami ieħor biex jeħduh l-Imġarr ħalli jagħtu n-nar lill-kalkara li nbniet apposta biex jagħmlu l-ġir għat-



Ritratt: Joe Grech

Il-Kalkara ta' Ċenċ

torri. Mill-ilma x-Xatt mhux nieqes għax l-għajn u l-ilma tagħha kien jibqa' nieżel il-baħar u minnha kienu jimlew it-Torok, ma kienet taqta' qatt.

Hekk ukoll insibu fl-inħawi ta' Forn il-Ġir, ir-Rabat. Dawk li dan l-aħħar tellgħu xi bini fl-inħawi jgħidulek li ma segħux isibu tarf l-ilma dejjem ġej. Hawn min jiftakar ukoll l-Għajn tal-Kapuċċini fit-triq ħdejn il-kunvent. L-ilma ta' l-Għajn tal-Foss jekk ma jinġabarx ukoll kien iżoqq 'l hemm isfel jgħaddi minn taħt l-imniezel ta' ġebel li milli jidher kien hemm. U kollha niftakru l-bjar tal-Belliegħa bl-ilma ġieri tagħhom.

www.cathedral.org.mt

ROMA
Shopping Complex
Independence Square, (It-Tokk)
Victoria, Gozo.
Tel: 554103, Fax:564260.

Furnishing Goods
Houshold Linen
Fashionable Fabric Material
Curtains & Carpets
Wall Paper & Curtain Accessories

Ladies & Men's Wear
Children & Teens Wear
School Uniforms & Accessories
Hosiery & Lingerie
Laundry & Drycleaning

The Leading Department Store on the Island

www.gozocathedral.org.mt

Għalhekk jien naħseb li meta ġew bżonn ta' ħafna ġir biex itellgħu s-swar tal-belt ta' Għawdex fl-imgħoddi raw kif għamlu u bnew kalkara fejn kien hemm l-ilma qrib fejn kienu qed jibnu u s-sekonda jaqtgħuha u jġorruha 'l hemm minn fejn kienet tinqata' forsi mill-Wied tal-Lunzjata.

Tgħiduli meta seta' ġara dan? Dan ġara meta kienet mexxejja l-kelma forn il-ġir qabel daħlet il-kelma kalkara l-istess bħalma l-kelma Nadur daħlet qabel ma post fejn issir l-għassa bdew jgħidulu Wardija. Huwa sinifikattiv ħafna li kelma Nadur li skont Abela kienet imxerrda sew Malta għadha ħajja fejn kienu jsiru s-sinjali bejn Malta u Għawdex u mhux fejn kienet issir l-għassa għall-għadu.

Issa l-kelma Kalkara tissemma l-ewwel darba fl-1402 meta miet il-kappillan ta' Birkirkara Dun Ġwann di Xacca, li kien ukoll id-dekan tal-Katidral ta' l-Imdina u għalhekk minn jaf kemm kellu annati. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-kelma diġa' kienet timxi fis-seklu erbatax jiġifieri bejn l-1300 u l-1400.


Mela l-kelma forn il-ġir kienet f'fomm il-Maltin fi żmien is-Saraċini, jiġifieri bejn l-1045 u l-1250 meta Malta kien ħawn il-Misilmin li ġabu magħhom minn Sqallija l-lingwa li nitkellmu llum.

Tajjeb inkunu nafu li meta fis-sena 870 ġew l-Għarab u ħadu l-belt ta' Malta qatlu lil kulħadd u lil Malta ħallewha ħerba għal bosta snin. Sa l-1045 lejn Malta kienu jersqu biss dawk li jiġbru l-għasel, min ikun irid xi zokk ta' siġra għall-batisment u s-sajjieda billi madwar Malta l-baħar kien jarmi ħafna ħut.

Ġara li għal l-1045 qatgħuha li jerġgħu jgħammruha bin-nies, dawn l-ewwel ħaġa li għamlu ħasbu għas-swar ta' l-Imdina ta' Malta u l-Imdina ta' Għawdex. L-għadu ma kien xejn imbiegħed għax fl-1054 ġew il-Biżantini u ħabtu għalihom. Is-Saraċini bil-għajnuna ta' l-ilsiera li kellhom, li ħelsuhom bħala ħlas, għelbuhom lill-Biżantini u qatt ma reġgħu ġew iktar. Imbagħad fl-1091 ġie l-Konti Ruġġieru wara li kien ilu jiġġieled mas-Saraċini tletin sena sħaħ. Għalhekk il-mawra ta' dal-ħalliel Normann, l-ewwel wieħed minn sensiela ta' ħallelin Franċiżi li l-aħħar minnhom kien Bonaparti, kien ilha mistennija u s-Saraċini ma setgħux ma ħasbux biex iduru s-swar għalli jista' jinqala'.

Kien f'dan iż-żmien għalhekk, wara l-1045, li s-Saraċini ġew bżonn ta' ħafna ġir biex iduru s-swar, jew itellgħuhom mill-ġdid fejn setgħu ċedew, għax kienu huma biss li kienu jiżgurawhom mill-kenn mill-għadu li seta' jiġi ħin bla waqt fuqhom.

www.KatidralGozo.org.mt



TAL-HWAWAR

Issa Tista Thawwar il-Borma Bħal Dari

Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqaddeb għal-Ħelu u Prodotti oħrajn għal-Ikel

14 - 15 KERCEM ROAD, VICTORIA, GOZO.

TEL: 562160

www.gozocathedral.org.mt

ŻEWĠ ĊENTINARJI

diskors ta'
Rev. Dr. Joseph Bezzina
fl-okkażjoni ta' għeluq it-tliet mit sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Katidral u l-mit sena mill-wasla ta' l-istatwa ta' Santa Marija
9 ta' Awwissu, 1997

Is-sena 1997 tfakkarna f'żewġ anniversarji importanti fl-istorja tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex: nhar il-21 ta' Settembru jaħbat għeluq it-300 sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla; u nhar it-13 ta' Awwissu għeluq il-100 sena mill-wasla ta' l-istatwa sabiħa ta' Santa Marija.

Il-qedem tal-Matriċi

Tliet mit sena ilu, fl-1697, kienet qiegħda tinbena knisja ġdida, iżda fil-post kien hemm knisja sa mill-ibgħad żminijiet. Tradizzjoni qadima tgħid li tempju Ruman, li żgur kien jeżisti fil-bidu ta' l-ewwel millenju, kien mibdul mill-insara f'tempju lil Omm Alla. Din it-tradizzjoni ma għandhiex tiftiehem litteralment, iżda xorta waħda turi l-qedem ta' din il-knisja. Deskrizzjoni tal-Kastell ta' Għawdex fl-1241, meta Malta u Għawdex kienu taħt l-Iżvevi, jagħtik x'tifhem li fil-kastell kien hemm knisja. Fl-1282, l-arċipelagu għadda taħt il-ħakma ta' l-Aragoniżi, ħakma li ġabet tibdil soċjali u ekonomiku kbir fil-ħajja ta' dawn il-gżejjer. Proprju ftit snin wara għandna l-ewwel ħjiel ċert ta' knisja fiċ-Ċittadella; il-ħjiel jinsab f'testment tas-sena 1299. Din il-knisja fiċ-ċentru tal-kastell Aragoniż baqgħet dejjem tiżdied fl-importanza tagħha. Infatti fl-1435, din il-knisja tissejjaħ il-Matriċi tal-Belt u l-Gżira ta' Għawdex. Din hi l-unika knisja f'Għawdex li kellha dan it-titlu fi żmien li kien hemm xi tliet parroċċi oħra. Għalhekk dan it-titlu jfisser ċar u tond li sitt mija u sittin sena ilu, il-Matriċi ta' Santa Marija kienet rikonoxxuta bħala omm il-knejjes parrokkjali u rurali kollha ta' Għawdex. Hu veru li dan it-titlu ġie li ngħata lil xi knisja parrokkjali li kellha knejjes żgħar jagħmlu magħha, bħalma hu l-każ tal-parroċċa tan-Naxxar, Malta; iżda s-sitwazzjoni ta' Għawdex kienet differenti. It-titlu ta' matriċi qiegħed jingħata lil knisja fejn kien hemm parroċċi oħra. Fuq kollox dan it-titlu mhux ibbażat fuq xi dokument wieħed iżolat, iżda hu titlu li minn wara l-1435 jibda jidher b'mod konsistenti fid-dokumenti privati u pubbliċi, reliġjużi u ċivili.

L-istruttura ta' din il-knisja qadima sofriet mhux biss mill-elementi, iżda

www.gozocathedral.org.mt



PULENA

Bar & Restaurant

Specializing in

Fresh Fish, Pasta & Pizza

Marina Street (Il-Menqa), Marsalforn, Gozo. Tel: 559777

J. & J. Zammit Supplies Ltd.

Wholesalers for
Fresh Fruits
and
Vegetables

by the Bastion Road, Victoria, Gozo.
Tel: 560795, Mobile: 099 4670

www.gozocathedral.org.mt

wkoll mill-ħbit li minn żmien għal żmien kien isir fuq il-Kastell. L-aġħar attakk fuq Għawdex seħħ f'Lulju tal-1551. Armata kbira taħt Baxa' Sinan u Rajjes Dragutt, niżlet Għawdex mingħajr l-iċken reżistenza u sas-26 ta' Lulju, iċ-Ċittadella ċediet. Il-ħerba kienet iktar minn ta' mija u għoxrin sena qabel. Il-Matriċi soffriet ħsarat kbar, iżda wara t-tiswijiet meħtieġa reġgħet infetħet ħalli bħal qabel tkompli taqdi l-poplu Għawdxi li dak iż-żmien kien ikkonċentrat fiċ-Ċittadella.

Sadatant, fl-1530, Malta u Għawdex għaddew minn taħt il-ħakma Aragoniża għal taħt il-Kavallieri ta' San Ġwann. L-istruttura tal-knisja kienet pero' qdiemet ħafna, u l-mexxejja ekkleżjastiċi kienu jafu li ma jdumux ma jkollhom jieħdu d-deċiżżjoni li jibnu knisja ġdida mill-pedamenti. Iżda ma kienx faċli: l-ewwelnett, wara l-assedju ta' l-1551, l-ekonomija ta' Għawdex kienet marret il-baħar; it-tieni, il-popolazzjoni kienet naqset b'żewġ terzi. Għalhekk kienu naqsu kemm il-meżżi finanzjarji, kif ukoll in-nies li setgħu joffru għajnuna u jaħdmu fuq proġett daqstant kbir. Kien iktar minn mit sena wara, lejn l-1680, li l-popolazzjoni ta' Għawdex reġgħet laħqet il-livell ta' qabel l-1551, tant li nħass il-bżonn li jitwaqqfu l-ewwel parroċċi tal-kampanija: ix-Xewkija, fis-27 ta' Novembru, 1678, u l-Għarb, fid-29 ta' Awwissu, 1679.

F'dak iż-żmien it-tmexxija ekkleżjastika għaddiet minn diversi tibdiliet. Nhar it-30 ta' Diċembru, 1680, il-Papa ħatar lil Dun Karlu Magri Arċipriet tal-Matriċi. Tliet snin u nofs wara, fil-15 ta' Mejju, 1684, ħatar lil Davide Cocco Palmeri bħala isqof ta' Malta u Għawdex. Dun Karlu hu wieħed mill-arċiprieti l-iktar eminenti tal-Matriċi. Twieled il-Belt Valletta, iżda għadda parti kbira minn ħajtu Ruma. Għamel żmien bħala bibljotekarju ta' l-Universita' *La Sapienza* ta' Ruma. Kiteb diversi kotba fosthom il-*Hierolexicon*, dizzjunarju ta' termini ekkleżjastiċi, ilkoll stampati mill-aqwa djar tal-pubblikazzjoni ta' l-Ewropa.

Tħejjijiet għal knisja ġdida

Meta laħaq arċipriet kellu 63 sena u kien beda jonqsu d-dawl, iżda minkejja kollox, iffaċċjat bil-problema ta' knisja qadima u parzjalment immermra ma qagħadx lura. Ma damx ma kiseb l-approvazzjoni ta' l-Isqof Cocco Palmeri biex jibda jipprepara għal bini ta' knisja ġdida. Ma kellux problema lil min jikkuntatja biex jagħmillu l-ewwel disinni. L-aqwa arkitett Malti tas-seklu sbatax kien Lorenzo Gafa', imwieled il-Birgu, fl-4 ta' Awwissu, 1639. Dik il-ħabta kien ġa wera l-kapaċita' kbira tiegħu f'diversi xogħlijiet, fosthom il-koppla ta' San Pawl, il-Belt. Bil-mod il-mod kien qiegħed jistabilixxi ruħu bħala l-aqwa arkitett tal-barokk u l-influwenza tiegħu fuq l-arkitettura ta' Malta kellha ttul matul iż-żmien. Dun Karlu stiednu jagħmillu d-disinni preliminari.


www.gozocathedral.org.mt


SUUM Cant: ASCEND

Minn dokument li nkixef dan l-aħħar juri li hu kien Għawdex bejn l-1685 u l-1687 biex ikun jista' jagħmel l-istudji preliminari fuq il-post. Infatti fil-bidu ta' l-1687, *fu pagato a Mastro Lorenzo Gafa' Scudi 6,* tħallas sitt skuti għall-ewwel disinni li kien għamel relatati ma' dan il-proġett.

Din hi riferenza mill-iktar importanti. Il-preparazzjonijiet għal bini tal-knisja l-ġdida bdew qabel it-twaqqif tal-parroċċi ta' Sannat, tal-Qaċċa jew Xagħra, tal-Qala/Nadur, u taż-Żebbuġ fit-28 ta' April, 1688, kif ukoll qabel l-għaqda tal-parroċċa ta' San Ġorġ mal-Parroċċa Arċipretali tal-Matriċi fl-5 ta' Marzu, 1689. Kontra dak li kien maħsub, il-bini tal-knisja l-ġdida mhux relatat direttament mat-terrimot tal-11 ta' Jannar, 1693. Dan it-terremont għamel diversi ħsarat strutturali u ħekk il-bini tal-ġdida sar iktar urġenti.

Dun Karlu Magri, ta' bniedem intelliġenti li kien, beda jipprepara għall-bidu tal-proġett bi tliet modi: l-ewwel, kif ġa tajna ħjiel, beda konsultazzjonijiet preliminari ma' l-arkitett Lorenzo Gafa' u diversi mgħallmin tal-bini biex tiġi studjata l-qagħda tal-post u jifhmu aħjar kulma kien meħtieġ; it-tieni, organizza l-finanzi tal-Matriċi b'tali mod li beda fond speċjali għall-ispiża tal-knisja l-ġdida, fond li r-reġistri tiegħu għadhom konservati; u t-tielet, beda jakkwista l-proprjeta' privata li kienet tmiss mal-Matriċi l-qadima ħalli l-pjanti ta' Gafa'



disinn: Godwin Cutajar

Disinn tal-Knisja Katidrali kif skond il-pjanta ta' Lorenzo Gafà.

jkunu jistgħu jiġu esegwiti sewwa.

Nhar it-30 ta' Diċembru, 1692, l-id il-leminija ta' l-arċipriet, Dun Nikol Natal Cassia Magri, laħaq arċipriet-kuġitur bid-dritt tas-suċċessjoni, u l-ħidma ewlenija għat-twettiq tal-proġett għaddiet f'idejh. Dun Nikol Natal Cassia kien ukoll mill-Belt Valletta; b'turija ta' qima lejn il-predeċessur tiegħu żied il-kunjom Magri tiegħu. L-istoriku Għawdxi Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, li kien jafu personalment, jgħidilna li kellu dehra ta' iebes u aktarx ukoll ta' qalil milli ta' żelu, iżda minn

www.gozocathedral.org.mt


www.gozocathedral.org.mt

ġewwa kien ta' qalb tajba. Kien dan il-karattru li għenu jintefa' b'ruħu u ġismu għall-proġett imfassal mill-predeċessur tiegħu.

It-tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla

Jiem wara l-ħatra ta' Dun Nikol Natal bħala arċipriet-kuġitur, il-Ħadd, 11 ta' Jannar, 1693, għamel it-terrimont li ġa nhar il-21 ta' Settembru, 1697, Dun Nikol Natal Cassia Magri, l-Arċipriet tal-Knisja Matriċi-Kolleġġjata ta' Għawdex poġġa l-ewwel ġebla tal-Katidral f'ċerimonja mill-iktar imponenti.

'Il quddiem, fil-Matriċi l-ġdida, saret skrizzjoni b'tifkira fuq il-fonti tal-magħmudija. L-iskrizzjoni tiġbor fil-qosor l-istorja ta' qabel, ta' waqt, u ta' wara t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla:

LILL-KBIR ALLA TAJJEB BLA QIES
TIBQA' HAWNHEKK IMFAKKRA GĦAL DEJJEM
IT-TIEBA EWLENIJA TAN-NIES TA' DIN IL-ĠŻIRA
LI SA MILL-QEDEM BNEW DIN ID-DAR TA' ALLA
HEKK KIF LAQGĦU L-FIDI TA' KRISTU MINN SAN PAWL L-EWWEL MISSIER
KNISJA LI KIENET TMERMRET BIŻ-ŻMIEN
U HEKK BDEW JIBNU MILL-QIEGĦ USA' U ISBAĦ
FUQ L-ISTESS POST
DIN IL-KNISJA IKBAR
IDDEDIKATA LIL MARIJA MTELLGĦA S-SEMA
BL-APPROVAZZJONI TA' FRA DAVIDE COCCO PALMERI ISQOF TA' MALTA
WAQQFU MILL-QIEGĦ MINN FLUSHOM DIN IL-KNISJA
LI X-XOGĦOL FUQHA BEDA FIL-21 TA' SETTEMBRU, 1697
BIL-ĦERQA TA' NIKOL NATALE CASSIA MAGRI, ARĊIPRIET U DUTTUR
U NTEMM MINN KOLLOX FL-14 TA' AWWISSU, 1711

semmejna. Dan għaġġel ħafna l-bidu tal-proġett tal-knisja l-ġdida, iżda Dun Karlu ma kellux jara għajr il-bidu tiegħu għax miet fil-25 ta' Ottubru, 1693.

Sadatant it-tħejjijiet baqgħu għaddejjin b'mod imgħaġġel u jidher li sa dak inhar kien ġa beda x-xogħol fuq il-pedamenti. Tliet mit sena ilu sewwa,

Il-ftuħ tal-Knisja l-ġdida

L-arkitett Lorenzo Gafa' aktarx li mexxa parti mix-xogħol hu innifsu. Għamel ukoll diversi disinni u xi *scale models*, mudelli proporzjonati tal-knisja kollha u ta' diversi sezzjonijiet tagħha. Hekk l-imgħallmin tal-bini, li ħafna minnhom qajla kienu jkunu ta' skola, kien

www.gozoarchive.org.mt

Square Cellar

WINE & SPIRITS

24 St. George's Square, Victoria, Gozo.
Tel: 551845 • 556141

Prop.: Joe Grech

For your Shopping convience and value on Groceries shop at

St. Mary's Supermarket

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo.
Tel: 551025

www.gozocathedral.org.mt

ikellhom ma x'hiex jimxu mingħajr il-ħtieġa ta' sorveljanza kontinwa. Kienu fil-fatt obbligati li jimxu eżattament mal-mudell. Gafa' fil-fatt miet fit-18 ta' Frar, 1703, meta l-Matriċi kienet għadha kemm kemm bdiet tieħu forma. Iżda mħabba dawn il-mudelli, ix-xogħol seta' jkompli mingħajr ebda tibdil.

Ix-xogħol seta' jkompli wkoll mingħajr waqfien mħabba l-fond ta' flus li kien beda jġemma' Dun Karlu Magri. Infatti, effett tal-ħsieb tiegħu, flimkien mal-ġenerożita' tal-Għawdxin, kienu nġabru fondi biżżejjed biex ix-xogħol tal-ħaddiema jkomplu mingħajr ebda intervalli.

Minkejja l-problema kbira biex jinġarr il-ġebel mill-barriera, li llum hi Pjazza San Girgor, ta' Kerċem, sa fuq l-għolja taċ-Ċittadella, il-Matriċi l-ġdida ma damitx ma ħadet il-forma. Lejlet Santa Marija 1711 nfetħet u tbierket għall-festa ta' l-Assunta. ħames snin wara, nhar il-11 ta' Ottubru, 1716, festa tal-Maternita' tal-Madonna, l-Isqof Ġakbu Cañaves ikkonsagrà l-knisja u ddedikaha lit-Tlugħ ta' Marija fis-sema u lil Sant'Orsla. Inkitbet skrizzjoni għall-okkażjoni u twaħħlet faċċata tat-tifkira ta' l-ewwel ġebla.

Gafà kien verament irregala lil Għawdex knisja barokka mill-aqwa, denja tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-faċċata imponenti li tiddomina l-pjazzetta ta' quddiemha, flimkien mal-knisja minn ġewwa, huma mfawra bil-karatteristiċi ta' Gafa'. Il-pilastri tripliċi telgħin minn

LILL-KBIR ALLA TAJJEB BLA QIES
F'DAN IT-TEMPJU EWLIENI TAL-GŻIRA
GĦAJN BLA MA TAQTA' TA' GRAZZJI
B'QALBKOM KOLLHA QIMA
EJJEW POPLI BIL-KOTRA
U LILL-KBIR ALLA
GĦOLLU TALBKOM BLA HEDA
BIEX TFUĦU BIT-TJUBIJA TA' KRISTU
U L-FWIEĦA TAL-ĠENNA TINŻEL FUQKOM
KIF NIŻLET FUQ DAWN L-ISTESS ĦITAN
MIDLUKIN BIŻ-ŻEJT TAL-GRIŻMA
KIF JITOLBU R-RITI TAL-KNISJA
LI ĠEW SOLENNEMENT IKKONSAGRATI
MINN ĠAKBU CAÑAVES ISQOF TA' MALTA
FIL-11 TA' OTTUBRU, 1716

www.gozodiocesanmuseum.org.mt

OFFICE EQUIPMENT

FOR ALL OFFICE SUPPLIES & STATIONERY.

Photo Copy Service & Binding
Calculators, Typwriters,
Cash Registers, Fax Machines

12, St. Francis Sqr., Victoria - Gozo
Tel: 554052 Fax: 563745

www.gozocathedral.org.mt



fuq bażi għolja; il-kapitelli rikki bl-iskultura; l-arkitrav, il-friż mal-gwarnicun, u s-sekond'ordni; kif ukoll it-troll tal-korsija miksur mit-twieqi biex jidħol id-dawl, huma kollha ħolqien ta' Gafa'. Fis-sbuħija tal-kapitelli u x-xogħol fuq l-arkaturi nilmħu għall-ewwel darba f'Għawdex il-bidu tal-passaġġ mill-barokk għall-istil iktar imżewwaq tar-rokoko. Il-knejjes parrokkjali ta' Għawdex, minghajr eċċezzjoni, ilkoll kemm huma ħadu xi waħda jew iżjed minn dawn il-karatteristiċi ta' Gafa'. Knisja matriċi u omm mhux biss storikament għax ġiet qabilhom ilkoll, iżda wkoll għaliex fit-tnissil tagħhom tathom mill-karatteristiċi tagħha.

Purċissjoni bl-istatwa

L-Arċipriet Nikol Natal Cassia Magri dam imexxi l-parroċċa tal-Matriċi sa mewtu li ġrat nhar is-16 ta' April, 1729. Iżda fi tmiem ħajtu għamel ħaġa oħra li kompliet kabbret il-ġieħ tal-Matriċi. Nhar l-Għid ta' l-Assunta, 1726, hu mexxa l-ewwel purċissjoni ta' Santa Marija madwar it-toroq taċ-Ċittadella. Din il-purċissjoni baqgħet issir ta' kull sena u ħadet xejra iktar solenni wara li, fis-16 ta' Settembru, 1864, il-Matriċi saret il-Katidral tad-djoċesi l-ġdida ta' Għawdex. Iżda l-purċissjoni laħqet l-aqwa tagħha fl-1956, meta, għall-ewwel darba saret fil-għaxija bl-istatwa sabiħa ta' Santa Marija.

Din l-istatwa, kif nafu lkoll, inġabet mis-Soċjeta' Filarmonika *Leone* fl-1897, mit sena ilu sewwa. Sa mill-bidunett ix-xewqa kienet li din l-istatwa tiddaħħal il-Katidral biex tinġarr madwar it-toroq tal-Belt Victoria nhar Santa Marija. Minkejja li kienet statwa għall-festi ta' barra, in-nies minn dejjem kellhom devozzjoni kbira lejha. Iżda mħabba diversi intoppi, fosthom in-nuqqas ta' daħla mdaqqsa fiċ-Ċittadella, ma kienx faċli li din ix-xewqa tinqata'. Iżda fejn hemm rieda shiħa, kull diffikulta' tintrebaħ. Fil-jum storiku tad-29 ta' April, 1956, l-istatwa ta' Santa Marija ddaħħlet għall-ewwel darba fil-Katidral.

Mit sena ilha magħna, Iżda sa minn dejjem il-poplu Għawdxi qiem hawn lil Santa Marija kif kiteb tant tajjeb il-poeta Ġorġ Pisani:

U l-ewwel tron sbejjaħ li waqqaf fil-għira,
Kien tron lill-Assunta biex fuqu titgħolla
U biex jibqa' dejjem bħal mafkar ta' mħabba,
Il-Knisja Ewlenija u Omm l-oħrajn kollha.

www.gozocathedral.org.mt

Nikon

CAMERAS - LENSES - DIGITAL

The Photo Shop

2, St. Ursola Street, Victoria
Tel: 563403, 559555
099 0588

Cornucopia Hotel



POOLSIDE BARBECUE

Every FRIDAY from 7.30pm

LIVE ENTERTAINMENT BY
"SPECTRUM"

Price: Lm7.00 per person - Children Lm3.50

BOOKING ESSENTIAL
Gnien Imrik Street, Xaghra, Gozo
Tel: 556486, 553866, 552634, 552633

www.gozocathedral.org.mt

XOGĦOL TA' KONSERVAZZJONI U RESTAWR FUQ IL-KWADRU TA' SAN ĠUŻEPP


minn

Godwin Cutajar, Dip.IAAR, ICR Roma

Il-kwadru ta' San Ġużepp jinsab fuq l-artal fil-kappella dedikata lill-istess qaddis, fin-navata tat-tramuntana tal-knisja Katidrali.

Storja u teknika

Il-pittura hi ta' daqs b' 191 ċm x 281 ċentimetru, u hi miġbuda fuq tilar ta' l-injam ta' daqs ta' 188 ċm x 278 ċentimetru. Ġie mpitter fuq support magħmul minn xkora waħda shiħa. Il-nisġa tax-xkora hi magħmula, regolari, tip 'rap'; għal kull ċentimetru kwadru nsibu għaxar ħajtiet fil-vertikali u għaxar ħajtiet fl-orizzontali, b'dijametru li jvarja minn ħajta għal oħra. Ħaġa mhix tas-soltu li nsibu f'dan is-support hu t-tarf t'isfel, fejn tħalliet tidher il-parti ħaxja tat-tila. Il-kwadru ġie maħdum fuq preparazzjoni ta' ħxuna medja u ta' lewn kannella ċar; iż-żebgħa għandha konsistenza ta' velaturi b'żebgħa aktar ħoxna fejn l-aktar jaqa' dawl. Il-pittura hi karatterizzata minn sfumaturi delikati ħafna, u għandha fuqha strat protettiv. In-naħa t'isfel fuq ix-xellug tal-kwadru nsibu arma bil-kitba 'Ex Devotione Dni Aloysii Busuttil". Fuq in-naħa ta' wara, imbagħad, fuq ix-xkora, insibu nota li għandha x'taqsam ma' l-att tad-donazzjoni ta' dan il-kwadru lill-knisja Katidrali. F'parti oħra fuq in-naħa ta' wara wkoll,



naraw xi tħarbix b'lapes. Il-pittura hi miżmuma mat-tilar b'imsiemer ta' l-injam. It-tilar espandibbli għandu, magħquda fin-nofs b'4 msiemer ta' l-injam, traversa orizzontali u oħra vertikali. Ma' l-injama orizzontali ta' fuq, it-tilar għandu żewġ ħoloq kbar tal-metall, li minnhom seta' jiddendel il-kwadru.

www.gozocathedral.org.mt

Make New Friends at the

Bellusa Cafe'

Right in the Heart of Victoria



PIZZA & SNACKS SERVED ALL DAY

Il-kwadru kellu ta' l-inqas intervent wieħed ta' restawr qabel din id-darba. Fil-fatt, f'diversi partijiet ġie stukkat u rtukkat.

Stat ta' Konservazzjoni

It-tilar li fuqhu hu miġbud il-kwadru, hu mimli trab u għandu attakk tas-susa, iżda għadu sod. Is-support tax-xkora fih ħafna trab u tilef xi ftit mit-tensjoni tiegħu. Iż-żebgħa għandha mwaħħla tajjeb mas-support tagħha.

Il-kwadru ppreżenta problemi estetiċi. L-istrat protettiv oħxon mogħti fuq il-kwadru qdiem u sfar. Il-kwadru kien ġie milqut aktar minn darba, u saħansitra mifqugħ. Il-parti t'isfel tal-kwadru hi miżgħuda b'taqtir ta' xemgħa. Iż-żebgħa turi krepaturi forma ta' mħara.



L-irtokki mir-restawr preċedenti skuraw u ħarġu mill-kuntest tagħhom.

Interventi ta' konservazzjoni u restawr

Ix-xogħol inbeda bi studju mill-qrib tat-teknika u l-istorja tal-kwadru, biex hekk jiġi deċiż liema huma l-aktar interventi effikaċi li jsolvu l-problemi li tip-prezenta din l-opra ta' l-arti.

Wara li ġew imwittija d-daqqiet li kien ħa, il-kwadru ġie mwaħħal fuq support (xkora) ta' rinforz, biex hekk jiġi mogħti tensjoni ġdida. F'dan l-intervent, il-kretpaturi ġew xi ftit imbaxxija. Il-kwadru ġie miġbud fuq tilar ġdid ta' l-injam. It-tilar il-ġdid, maħdum b'sengħa kbira mis-Sur Victor Vella, ġie magħmul aktar robust minn dak ta' qablu, biex ħekk ikun jiflaħ aktar iġorr il-materja pittorika. Billi l-iskrizzjoni fuq in-naħa ta' wara tal-kwadru issa ġiet mgħottija mis-support ġdid ta' rinforz, din ġiet dokumentata, u reġgħet inkitbet fuq in-naħa ta' wara tat-tilar il-ġdid. It-tħarbix l-ieħor, li ma ġiex deċifrat, tgħatta wkoll, u dan ġie biss dokumentat.

It-tindif tal-kwadru, jiġifieri t-tneħħija ta' vernić qadim, irtokki u taqtir tax-xema', sar b'mezzi kimiċi kif wkoll mekkaniċi. Wara dan, l-irqajja' ta' żebgħa nieqsa mill-kwadru ġew irtukkati. Is-sistema ta' rtokk hi dik 'a tratteggio'. Irqajja' zgħar, fejn mhux teknikament possibbli jsir it-tra tteggio, imtlew b'velaturi ta' żebgħa. Il-kwadru ġie, imbagħad, mogħti strat protettiv ġdid. Ix-xogħol sar fil-perjodu ta' żmien bejn Frar u Lulju 1998, u tħallas minn devot ta' San Ġużepp.

www.lozocanedral.com

SUNDAY LUNCH



FRESH SOUP

OR

PENNE

TOMATO OR

BOLOGNESE SAUCE

ROAST PORK

OR

ROAST BEEF

DESSERT

Smuggler's Cave

Bar • Restaurant • Pizzeria

Il-Menqa - Marsalforn

Tel: 551005 / 551983

(MAIN DISH INCLUDES VEGETABLES, POTATOES, BREAD & BUTTER)

ONE FREE GLASS

WINE OR BEER OR SOFT DRINK

Items on the Menu and Price are subject to last minute changes.

PRICE: 295c

FLAMINGO BAR

Pjazza J. F. Kennedy, Victoria, Gozo. - Tel: 553704

Miftuh kuljum mis-7.00 a.m. sat-tard bil-lejl

Special Attractions

- Big Screen ghall-football *(English Leagues, Italian Leagues and World Cup)*
- Surround Speakers Stereo System
- Four Monitors *(M.T.V. Music Channel)*
- Billiard *(American Pool)*
- Video Games
- Table Soccer

Snacks

- Ham and Cheese Sandwiches
- Tuna and Salad Sandwiches
- Toasted Ham and Cheese Sandwiches
- Ham and Cheese Ftira
- Pizza
- Light Snacks and Sweets *(eg. twisties)*



Drinks

- Tea Coffee
- Capuccino
- Espresso
- Soft Drinks
- Beer
- Spirits
- and much more

Naccettaw Parties

See You There !

www.stjohnscathedral.org.mt

XEMPJU TA' L-OMMIJIET

mill-
Kanonku Karm Borg

Wara kważi elfejn sena, l-eloġju ta' dik il-mara li "minn qalb il-folla" indirizzat lil Ġesù waqt li fakkret lil Omm l-Verġni Mbierka, għadu jinstama' ħaj fil-Liturġija tal-Vġili tal-Assunta. It-tagħlim qaddis ta' Ġesù u l-mirakli li spiss kienu jsieħbu il-predikazzjoni tiegħu kienu jimlew linnies bil-għaġeb. Meraviljata u kommossa, dik il-mara spontanjament għajtet minn qalb il-folla: "Imbierek il-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt" (Lq. 2, 27). Hienja dik l-omm li ġabitek fiddinja u rabbietek. Marija Assunta li tagħha f'dawn il-ġranet niċċelebraw il-festa solenni, festa tant għażiża għalina l-Maltin u l-Għawdxin, il-Knisja tipprežentahielna bħala l-Omm Perfetta ta' l-Iben Perfett.

Ġesù Iben Marija

L-Iben ta' Marija huwa l-bniedem-Alla Ġesu Kristu, "L-Iben ta' Alla l-ħaj" (Mt. 16,16), il-Qaddis tal-qaddisin; l-Imgħallem tal-verita', li għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan (Atti, 10,38) bil-qawwa divina tiegħu u b'imħabba bla tarf lejn il-bnedmin, u l-aktar lejn dawk foqra u mwarrba mis-soċjetà.


Il-kelma ta' Ġesù kienet tolqot u ssaħħar lil min kien jismagħha. Saħansitra fost l-għedewwa tiegħu kien hemm min wasal biex qal: "Qatt ħadd ma tkellem bħalu dan il-bniedem" (Ġw. 7,46). Il-mirakli tiegħu għażżbu lil kulħadd; "ħwejjeġ bħal dawn qatt ma rajnijhom" (Mk. 2,12). F'dan Kristu, l-Iben ta' Marija, aħna nemmnu u lilu aħna naduraw bħala l-Mulej u Alla tagħna. Mal-profeta Isaija nfaħħru u nbierku lil Alla għall-Iben tal-Verġni "għax tweldilna tifel, ingħatalna iben" (Is. 9,5).

Infaħħru lil Marija għax hija Omm Ġesù

Mela jixraq li ma' Kristu nfaħħru lill-Verġni Marija li hi l-arka li fiha Alla għoġbu jqiegħed il-għamara tiegħu. Marija "il-mimlija bil-grazzja" u "l-imbierka fost in-nisa" hija Ġerusalemm il-ġdida li fiha għogbu joqgħod: "Hawn insib il-mistrieħ tiegħi għal dejjem! Hawn irrid ngħammar għax hawn xtaqt jiena!" (Salm 131). Bir-raġun allura


www.gozocathedral.org.mt

www.cathedral.org.mt



l-Knisja fis-solennita' tal-Assunzjoni tkanta "Imbierek il-ġuf tal-Verġni Marija li ġiebet fid-dinja 'l Bin il-Missier etern".

Marija mhux biss ġabet lil Ġesu fid-dinja, imma baqgħet qrib tiegħu minn Betlem sal-Kalvarju. Minkejja li Ġesu kien Iben Alla huwa kien ubbidjenti lejn Marija u wera qima lejha. U jekk Hu, huna l-Kbir, ta' qima lil Marija bħala Ommu fid-dar fqajra ta' Nazaret u mbagħad fis-Sema, huwa żgur li jrid li aħna nqimuha u nfaħħruha bħala wlied denji tagħha. Marija kisbet l-akbar ġieh. Fis-sema hija ġiet imqiegħda 'l fuq mill-kori kollha ta' l-anġli u postha huwa żgur qrib dak tat-Trinita' qaddisa.



Hawn fid-dinja Marija kienet magħrufa bħala Omm Ġesu'. Hekk kienu jsejħulha meta kienu jitkellmu dwarha: "Ommu ma jisimhiex Marija?" (Mt. 13.55). Kienet ħaġa naturali meta li l-għeġubijiet li jagħmel Ġesu' jirriflettu fuq Ommu. Dan kien propju li qanqal lil dik il-mara li b'leħen għoli faħħret lil Marija: "Imbierek il-ġuf li ġiebek". Fil-kobor ta' Ġesu rat il-kobor ta' ommu. Imma Alla lil Marija gglorifikaha b'mod singulari u għalhekk xieraq li "minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli ħienja, għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar" (Lq. I, 48-49)

Ir-rwol ta' l-omm fl-edukazzjoni ta' wliedha

Il-festi marjani li aħna niċċelebraw huma qishom l-eku ta' dik l-esklamazzjoni: "Imbierek il-ġuf li ġiebek". Fl-istess waqt il-festi f'ġieh il-Verġni Marija huma okkażjoni biex nirriflettu fuq ir-rwol tal-familja, u b'mod partikulari dwar ir-rwol tal-omm fil-kuntest tal-progress soċjali u morali tal-ġenerazzjoni l-ġdida.

Jiena ċert li l-ġenituri jridu l-aqwa ġid għal uliedhom. Jixtiequ li jimxu 'l quddiem fil-ħajja u jsibu posthom sewwa fis-soċjeta'. Imma din ix-xewqa, sseħħ biss, jekk titwettaq kundizzjoni partikulari. Il-kelmiet tal-Mulej li nsibu fil-Vanġelu tal-quddiesa tal-Vġili ta' Santa Marija, "Imma tassew aktar ħienja dawk li jisimgħu l-kelma t'Alla u jħarsuha", ifakkruna f'din il-kundizzjoni. Biex

www.gozocathedral.org.mt

Coney Island Bar

Jawguraw il-Festi t-Tajba lill-klijenti tagħhom...

13, Sir Adrian Dingli Street, Victoria.
Tel: 551289

CORDINA'S
CPM
STUDIO

Cordina Photo Market

Professional Photographers for Commercial & Advertising in Stills & Video Production

Colour Imaging Laboratories & Photo Goods Dealers

34, Main Gate Street,
VICTORIA, GOZO, MALTA
Phone/Fax: 55.62.70

One Hour
Developing & Printing
Colour Photocopy Service

PHOTOGRAPHIC & VIDEO GOODS

- Developing & Printing
- Selective Enlargements
- Print From Print
- Print From Slides
- Instant Color and B&W I.D. Photos
- Photocopy Service in Full Color & Black
- Frame-Makers
- Wedding Services in Video & Stills

www.gozocathedral.org.mt

naslu għal dan, hija meħtiega l-edukazzjoni nisranija li bħala bażi jkollha l-ħarsien tal-liġi t'Alla. M'għandniex għax nistennew riżultati tajbin jekk tonqos din il-formazzjoni. U b'dispjaċir ikollna nammettu li f'xi familji din il-formazzjoni naqset sewwa. Ċerti ġenituri mingħalihom illi kullma obbligati jagħmlu għal uliedhom, huwa li jlibbsuhom, li jitimgħuhom tajjeb, li jaħsbulhom għal dar sabiħa u forsi wkoll lussuża fejn joqogħdu u daqshekk. Dan huwa żball; huwa żball kbir; dan huwa raġunar ta' min ma għandux fidi. Min għandu d-dawl tal-fidi jaf u jemmen li aħna għandna obbligu kbir lejn dawn it-tfal u ż-żgħażagħ, lejn din il-ġenerazzjoni l-ġdida: l-obbligu li nedukawhom kristjanament, l-obbligu li ngħinuhom jersqu lejn Kristu biex iduqu l-benna ta' tagħlimu li mbagħad ikun il-gwida tagħhom tul ħajjithom. Edukazzjoni nisranija kompleta biss tista' tiżra' ż-żerriegħa tal-pjeta' u tal-biża' tal-Mulej (ara:Salm110,10;Sir.I,16)

L-Ulied: ġieħ tal-ġenituri

Fis-soċjeta' tagħna qed naraw liż-żgħażagħ jiffaċċjaw ħafna problemi. L-isfidi ma humiex żgħar; ċerti vizzji u drawwiet li qed jaħkmu liż-żgħażagħ tagħna, qed jippreokkupaw kemm lill-familja u kemm lis-socjeta'.

Hija meħtieġa allura ħidma sfiqa biex l-edukazzjoni taż-żgħażagħ titpoġġa fuq pedamenti sodi. U din il-ħidma trid tkun ħidma koordinata, ħidma li trid tiġi minn kull naħa: mill-Knisja u mill-Istat, mill-għaqdiet, mill-movimenti, mill-iskejjel u minn kull min b'xi mod jista' jinfluenza liż-żgħażagħ. Imma qabel kulħadd trid tiġi mill-ġenituri, għax kif jgħid il-Konċilju Vatikan II, huma l-ġenituri l-ewwel u l-aqwa edukaturi ta' wliedhom (G.E. n.3) U l-omm - sintendi dejjem bil-għajnuna ta' żewġha - trid tiftakar kuljum li qabel ix-xogħol u l-ħidmiet l-oħra li jista' jkollha, trid teduka l'uliedha u tgħinhom jagħarfu r-rieda ta' Alla u jgħixuha fiċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja. Din l-esperjenza, qabel jgħixuha fid-dinja, iridu jarawha fl-eżempju tal-ġenituri fid-dar tal-familja.

Jekk ikunu rċevew formazzjoni soda, iż-żgħażagħ anke jekk imbagħad jiffaċċjaw l-aktar sitwazzjonijiet diffiċili, ma jiġġarrfux għax jiftakru fl-eżempji ta' fidi u ta' karita' li jkunu esperjenzaw fil-familja. U zgur jasal il-mument meta għad ibierku l-ġenituri tagħhom li jkunu żergħu fihom iż-żerriegħa tal-verita' u ta' l-imħabba.

Imbagħad kif Ġesu' kien il-glorja ta' Ommu Marija meta fi tmiem ħajjitha mtellgħa s-Sema ġiet inkurunata Sultana tas-Sema u ta' l-art, hekk l-ulied imrobbija tajjeb fil-familja u mrawwma sewwa fil-għożża tal-valuri nsara, inkunu l-ġieħ tal-ġenituri tagħhom hawn fid-dinja u mezz qawwi għall-qdusija u s-salvazzjoni eterna tagħhom.

www.curiacathedral.org.mt

FRANCIS CARUANA LTD

WE BUILD YOUR HOUSE

Outlets

Buiding Materials:

73, Republic Street Victoria

Tel: 556243

(Paints, Tools, Electrical and Plumbing Accessories etc)

Bubbles:

Fortunato Mizzi Street, Victoria.

Tel: 552413

(Bathrooms, Tiles and Fittings)

Timber:

Taflija Road, Victoria

Tel: 552993

(Plywood, Chipboards, MDF, and Solid Lumber)

www.gozoarchival.org.mt

IL-KWADRU TA' SANT'ORSLA FIL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX

minn

Joe Camilleri

Nirreferi għall-artiklu bl-isem t'hawn fuq, miktub minn Fr. Joe Calleja (Msida) u mitbugħ fi *L-Għid ta' L-Assunta (1997).*


Fr. Calleja kkonkluda hekk: "L-Għawdxin huma kuntenti bil-kwadru li għandhom ta' Sant'Orsla u m'għandhomx jisthu li hu ta' Ġużeppi Calleja, minkejja li nħadem taħt id-direzzjoni ta' Ġużeppi Hyzler".

Il-kwadru ta' Sant'Orsla huwa datat u ffirmat minn Giuseppe Hyzler u għalhekk dawk kollha li jgħidu li hu kwadru ta' Hyzler huma teknikament korretti. Din mhix kwistjoni ta' misthija jew ta' "ix-xogħol jibqa' attribwit lill-imgħallem...". Mhix kwistjoni ta' attribuzzjoni; il-firma tagħmel differenza.

Hija ħaġa oħra, imbagħad, kemm ix-xogħol ikun sar kollu kemm hu mill-imgħallem u kemm ikun hemm produzzjoni mill-bottega. F'dan il-każ, trid tkun id-deċiżjoni ta' esperti speċjalizzati fix-xogħol ta' l-imgħallem li jiġbdu id-deċiżjonijiet tagħhom. Ma jkunux deċiżjonijiet ħfief u lanqas dejjem konklużjonijiet feliċi. Kienet proċedura wkoll f'xogħlijiet notevoli, li ssib aspetti sħaħ esegwiti minn assistenti li kienu jkunu ta' kalibru u speċjalizzati f'oqsma diversi, ngħidu aħna fin-natura morta, fil-veġitazzjoni bħala sfond għal kwadru, u ħwejjeġ oħra. B'danakollu, bħala awtur tax-xogħol dejjem nagħarfu l-imgħallem tal-bottega la darba jkun iffirma x-xogħol, ukoll jekk l-assistenti tiegħu setgħu kienu mogħnija b'talent daqsu jew iktar minnu. Imbagħad ikunu l-esperti li jagħmlu studju komparattiv fl-ambitu tal-produzzjoni globali ta' l-artist u fil-perspettiva taż-żmien u l-iżvilupp artistiku tal-pittur u jaslu għal ġudizzju dwar il-livell artistiku.

Fil-każ tal-kwadru ta' Sant'Orsla, bħal f'każijiet ta' xogħlijiet oħra, jridu jsiru aktar studji xjentifiċi fil-fond minn nies kompetenti. Hemm bosta kriterji x'wieħed iqis, ngħidu aħna minfejn twieldet il-*prima impressione*, il-

www.gozocathedral.org.mt



St. Andrew's Str.,
Victoria,
Gozo.
Tel: 554056

Photographer

Photos & Video for Weddings, Engagements,
Baptisms or any Special Photographic occasion.
Passport Photos
Colour or Black & White.
Developing & Printing Service.
Cameras - Flashlights - Films
Watches, Batteries & Video Games
Large Selection of Top Quality Frames & Albums
Frames made to order.

GELATI GRANOLA

143, Triq Papa Gwanni Pawlu II.
Victoria, Gozo.

Tel: 557717 - 554237

www.gozocathedral.org.mt

kompożizzjoni, l-iskala tal-kuluri, il-kontrapposti u ħwejjeġ oħra? X'inhu l-iktar importanti, dan il-qafas struttali bl-istudji ippjanati, iggwidati, u b'direzzjoni stretta, jew l-esekuzzjoni tiegħu, jew it-tnejn flimkien? Safejn tkun limitata d-daqqa ta' l-imgħallem? Safejn tinħass ruħ l-artist? Kif nivvalutaw il-kontribuzzjoni ta' l-assistent meta jkun jesegwixxi pjan ta' ħaddieħor? U bosta aspetti oħra.

Dan kollu jista' jżid jew inaqqas il-mertu u l-preġju artistiku tal-kwadru, iżda la l-kwadru jkun iffirmat, ma jitqiesx bħala attribuzzjoni. Il-pittur ikun refa' r-responsabbiltà għalih u ddokumentaha għal dejjem; hu jsir l-awtur bil-merti, u l-medjokrità li jista' jkun hemm fix-xogħol.

Għall-kwadru ta' Sant'Orsla, Ferres kiteb hekk: "fu fatto da Giuseppe Hyzler assistito dal suo discepolo Calleja..."

Imma, ngħidu aħna, għall-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja parrokkjali tal-Furjana (wieħed mill-kwadri li rrefera għalihom Fr. Joe Calleja), Ferres kiteb: "Il quadro della B.V. del Carmine e di Calleja, fatto col disegno e sotto la direzione di Hyzler...".

Imbagħad għall-Annunzjazzjoni, it-titular ta' Ħal Balzan (xogħol ieħor li jsemmi Fr. Calleja) u li hu ffirmat,



ritratt: Alvin Sciduna

Ferres jgħid: "è opera del nostro Giuseppe Calleja...".

Mela Achille Ferres li kiteb fl-1866 altru li kien konxju mid-differenza. Aktar kummenti huma superfiċjali!

Nagħlaq billi nieħu din l-okkażjoni nifraħ lil Fr. Joe Calleja għall-pubblikazzjoni tiegħu *Giuseppe Calleja, The Man, The Teacher, the Artist.* Huwa xogħol laboruż magħmul b'imħabba. Xogħlijiet bħal dawn huma ta' fejda, iktar u iktar jekk ikun hemm studju analitiku valutattiv għax ipoġġu lill-artist fil-perspettiva reali tiegħu.

www.dozocatbed.org.mt

PALAZZO MARGHERITA CO. LTD
DUN LUQA STREET, SANNAT.

Ghandhom il-pjacir ihabbru il-ftuh ta' Restaurant gdid:



IL BRINDISI

Idejali ghal kull okkazjoni bhal tigijiet, ikliet u parties
(ta madwar 80 / 90 persuni)

PALAZZO MARGHERITA CATERING

joffru wkoll "OUTSIDE CATERING" ghal kull tip ta' okkazjoni.

Joffru wkoll SUNDAY FAMILY LUNCH fejn tiekol kemm trid minn Hot Buffet ghall prezz ta' Lm3.95.

Ghal aktar informazzjoni cempel 555737 jew 557898

www.gozocathedral.org.mt

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
1 ta' Lulju 1997 - 30 ta' Ġunju 1998

Magħmudijiet



DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM IL-ĠENITURI
13-07-97	Pierre Sylvio Grima	Peter Paul u Madlene neè Formosa
27-07-97	Luke Farrugia	John u Charmaine neè Mercieca
03-08-97	Anna Bonnici	Emanuel u Maria neè Grech
16-08-97	Martina Dimech	Paul u Simone neè Abela
20-08-97	Gordon George Formosa	Joseph u Mary Anne neè Portelli
12-10-97	Josef Gauci	Saviour u Rose neè Grima
25-10-97	Marcello Attard	Richard u Sonia neè Cefai
26-10-97	Francesco Caruana	Raymond u Karen neè Spiteri
31-10-97	Josephine Calleja	Joseph u Joan neè Mifsud
08-12-97	Nicholas Zammit	Paul u Anna neè Pace
14-12-97	Trevor Anthony Farrugia	Anthony u Rose neè Apap
21-12-97	Marise Grech	Saviour u M'Assunta neè Cauchi
05-01-98	Karl Xuereb	Max u Josephine neè Caruana
10-01-98	Carlos Xerri	Domenic u Elizabeth neè Pace
17-01-98	Pia Marie Grima	Saviour u Monica neè Gatt
25-01-98	Martina Scicluna	George u Sonya neè Zammit
01-02-98	Catriona Grech	Mark u Salvina neè Portelli
07-02-98	Brooke Said	Joseph u Jennifer neè Bezzina
08-02-98	Mark Spiteri	Raymond u Miriam neè Mejlak
14-02-98	Daniel Borg	Francis u Doreen neè Spiteri
28-02-98	Diane Hili	Joseph u Charmaine neè Pace
07-03-98	Michael Charles Tabone	Emanuel u Joanne neè Calleja
11-04-98	Michael Paul Curmi	Michael Godfrey u Luigiana neè Galea
11-04-98	Mark Azzopardi	Michael u Assunta neè Mercieca
17-04-98	Isac Refalo	Samuel u Josephine neè Cassar
18-04-98	Josmar Mercieca	Emanuel u Alexandra neè Cini
18-04-98	Christine Calleja	Louis u Josephine neè Sultana
18-04-98	Andre Camilleri	Mario u Josephine neè Gauci
19-04-98	Emanuel Ellis	George u Sueanne neè Mercieca
19-04-98	Anna Marie Cini	Francis u Ġovanna neè Vella
03-05-98	Jael Portelli	Joseph u Elizabeth neè Spiteri
28-05-98	Marienica Bajada	Frankie u Maria neè Grech
31-05-98	Jeremy Scicluna	George u Maria neè Refalo
14-06-98	Darren Camilleri	Michael u Doreen neè Cefai


www.stpaulcathedral.org.mt



The complete travel shop

* Air Travel
* Ferry Crossings
* Accomodation
* Cruises
* Car Hire
* Travel Insurance
* Group Arrangements

311, Republic Street, Valletta. Tel: 232211
33, Tower Road, Sliema. Tel: 330368
16, Republic Street, Victoria, Gozo. Tel: 551126
27, Birkirkara Hill, St. Julian's. Tel: 320655



Three Restaurants in One

Ground Floor

A La Carte & Pizzeria

Open All Year Round

Air Conditioned or Al Fresco

Third Floor

Chinese Restaurant

Balcony Al Fresco

Roof Garden Restaurant

Typical Maltese Cooking

Open for Lunch

Emmanuel Delicata Wines available in all Restaurants

Lifts available to all Floors
We also cater for private functions
4, Marina, Xlendi Bay, Xlendi VCT 115, Gozo. Tel: 561518 - Tel/Fax: 559632

www.gozocathedral.org.mt

Żwiġijiet



Data	Isem
05-07-97	Mario Vella (Għ'Sielem) u Moira Lanzon
12-07-97	Mark Anthony Buttigieg u Maria Hili
02-08-97	Ramon Caruana (Floriana) u Anna Marie Tabone
06-09-97	Mark Bajada (Munxar) u Anna Maria Bezzina
13-09-97	Joseph Cini (Żebbuġ) u Charmaine Magrin
27-09-97	Publius Buttigieg (Nadur) u Mary Louise Calleja
04-10-97	Peter Bonnici u Heidi Joanne Leask Gill (UK)
04-10-97	Joe Portelli (Għarb) u Sonia Mercieca
08-11-97	Raymond Azzopardi (Sannat) u Natael Cauchi
10-01-98	Paul Camilleri (Għarb) u Pauline Sultana
06-02-98	Franklin Camilleri (Xlendi) u Maria Gauci
23-05-98	Reginald Vella u Anna Nightingale (UK)
30-05-98	Gordon Micallef (Għarb) u Joanne Pauline Attard
13-06-98	Ġiovanni Sultana (Xagħra) u Mariella Xuereb

Mwiet



Data	Isem
02-07-97	Grazia Grech ta' 61 sena
31-07-97	Maria Antonia Cassar ta' 82 sena
06-11-97	Ġorġa Vella ta' 92 sena
28-11-97	Ġużeppa Debattista ta' 89 sena
02-12-97	Francesco Agius ta' 80 sena
02-12-97	Salvu Farrugia ta' 88 sena
31-12-97	Antonio Portelli ta' 90 sena
01-01-98	Mons Ġużeppi Farrugia ta' 84 sena
21-01-98	Francis Scicluna ta' 80 sena
25-01-98	Maria Rita Zerafa ta' 82 sena
26-01-98	Joseph Tabone ta' 77 sena
27 -01-98	Michelina Schembri ta' 87 sena
03-02-98	Maria Attard Bondi ta' 80 sena
04-02-98	Domnic Xerri ta' 32 sena
01-03-98	Ġużeppa Schembri ta' 92 sena
13-03-98	Maria Antonia Mompalao ta' 77 sena
17-03-98	Louis Cordina ta' 90 sena
24-03-98	Ġannina Hili ta' 85 sena

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

BIG BON

Department Stores

29-03-98	Bernarda Spiteri ta' 89 sena
06-04-98	Peter Paul Muscat ta' 67 sena
08-06-98	Anthony Debrincat ta' 84 sena
08-06-98	Andrea Pace ta' 67 sena
13-06-98	Anthony Vella ta' 72 sena

L-Ewwel Tqarbina - 20-05-98



Agius Christine, Apap Diane, Buttigieg Donatella, Calleja Annalise, Camilleri Karl, Camilleri Marie Jacqueline, Camilleri Rodianne, Caruana Ruth, Cini Fabian, Debono Lee Ann, Debono Maria, Dimech Claire, Dimech Stephan, Farrugia James, Fiteni Daniel, Grech Andrew, Grech Emanuel, Haber Leo Mario, Mifsud John, Portelli Deborah, Portelli Stephanie, Refalo Maria, Sciortino Andrew, Spiteri Gordon Lee, Tabone Anna Maria, Tabone Anton, Vella Noel, Zammit Maria.

Griżma ta' l-Isqof - 21-05-98



Abela Maria, Attard Carol, Attard Robert, Azzopardi Jonathan, Bezzina Fiona, Bugeja Manrico, Busuttil Jeremy, Calleja Mario, Camilleri Mark, Caruana Maria, Cassar Marita, Cini Alan, D'Anastasi Daniel, Degiorgio Diane, Farrugia Chantelle, Galea Anthony, Gatt Nicholas, Grech Adrian, Grech Katya, Grech Emma, Grech Maria, Grima George Anthony, Grima Kenneth, Kitcher Frans, Magrin Micheline, Mercieca Deborah, Muscat Melanie, Refalo Joseph, Saliba Sarah, Scicluna Maria, Spiteri Savio Neville, Sultana Matthew, Tabone Melissa, Vella Earl, Vella Emily, Vella Lucianne, Vella Mario.



www.gozocathedral.org.mt



Forestals
[APPLIANCES] LTD.

Ask about our Special Prices on **GoldStar** *Air Conditioners*

Miele
Anything else is a compromise

Miele domestic and built-in appliances.



Forestals
[APPLIANCES] LTD.

ALWAYS BETTER

Tel: 551234

www.gozocathedral.org.mt



LOOK
super
Unisex Boutique

Casual Wear & Children's clothes also available



34, Republic Street, Victoria, Gozo. Tel: 551772, Fax: 553744

PARDI ENTERPRISES LTD.

P.O. Box 19, Victoria - Gozo
Tel: 556578, 553715 • Fax: 553744 • Mob 099 3300

Gozo Agents for Toyota Vehicles and Toyota Genuine Spare Parts

Il-Plajja

1st CLASS GUEST HOUSE – Marsalforn, Gozo
RESTAURANT & PIZZERIA

New Chef and Pizzaiolo

Bookings: 563425 / 563426

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

- Tifkira Glorjuża 3
- Tislima lil Saverio Cassar Arċipriet tal-Matriċi
  Dun Joe Bezzina 4
- Anniversarji tal-15 ta' Awwissu
  Dun Joe Bezzina 7
- Il-Petizzjoni ta' l-Arċipriet Cassar għat-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex
  Patri Alexander Bonnici 13
- Is-sinifikat ta' Forn il-Ġir
  Victor J. Galea 23
- Żewġ Ċentinarji
  Dun Joe Bezzina 29
- Xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuq il-kwadru ta' San Ġużepp
  Godwin Cutajar 41
- Xempju ta' l-Ommijiet
  Kanonku Karm Borg 45
- Il-kwadru ta' Sant'Orsla fil-Katidral ta' Għawdex
  Joe Camilleri 51
- Kronaka tal-Parroċċa 55
  - Magħmudijiet 55
  - Żwieġijiet 57
  - Mwiet 57
  - Tfal ta' l-Ewwel Tqarbina 59
  - Tfal tal-Griżma ta' l-Isqof 59



www.gozocathedral.org.mt

Cariano

Manufacturer and Distributor of Souvenirs and all types of Frame Works

Showroom: St. George's Fief, Victoria, Gozo. Tel: 562717, Fax: 562718



Vast range of baroque classic ready-made frames in various styles and sizes, to compliment oil paintings, classic prints, photos and mirrors.

Oil paintings also available.



Exclusive collection of the widest range of frames in modern, classic and rustic style, which give an artistic image effect.




A range of coloured mount boards in different textures, and effects, which can be cut into plain, round, oval and other creative cuts, to bring out the coloured cores in the boards.

Sole Agents for

EUROGRAPHICS

THE WORLD OF PICTURES





Rosenstiel's

www.gozocathedral.org.mt

Mayor

Quality you trust!



L-Għażla faċli...

www.gozocathedral.org.mt